

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

MENGOZZI

ppreżentati fit-22 ta' Diċembru 2010¹

1. Permezz tal-appell li huwa s-suġġett tal-kawża preżenti, il-Kummissjoni qed tappella mis-sentenza tal-10 ta' April 2008, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni² (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (li issa saret il-Qorti Ġenerali) annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2003³ dwar l-għajjnuna mill-Istat N 35/2003 li tirrigwarda l-iskema għall-iskambju ta' drittijiet ta' emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu nnotifikata mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni"). Din l-istess sentenza hija s-suġġett ta' żewġ appelli inċidentalment ppreżentati mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

id-deċiżjoni, huma spjegati kif ġej fil-punti 8-13 u 16-20 tas-sentenza appellata:

"8. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Jannar 2003, l-awtoritajiet Olandiżi, skond l-Artikolu 88(3) KE, innotifikaw skema ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet għan-NO_x [...] lill-Kummissjoni. Huma talbu lill-Kummissjoni tagħti deċiżjoni li tikkonstata n-nuqqas ta' għajjnuna, skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, p. 1).

I — Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni

2. L-iskema għall-iskambju ta' drittijiet ta' emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) innotifikata mill-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem il-"miżura inkwistjoni") u s-suġġett tad-Deċiżjoni, kif ukoll il-kontenut ta' dik

9. Fl-24 ta' Ġunju 2003 il-Kummissjoni adottat id-[Deċiżjoni].

10. Fil-punt 1 tad-[Deċiżjoni], il-Kummissjoni tiddekrivi l-ewwel nett il-miżura in kwistjoni. Fil-kuntest tal-livell massimu nazzjonali Olandiż ta' emissjonijiet ta' NO_x iddefinit mid-Direttiva 2001/81, l-awtoritajiet Olandiżi ffirmaw objettiv ta' 55 kilotunnellati ta'

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — Kawża T-233/04 (Ġabra p. II-591).

3 — C (2003) 1761 finali.

emissjonijiet ta' NO_x fl-2010 għall-installazzjonijiet industrijali kbar tagħhom, jiġifieri għal madwar 250 impriża.

11. Fir-rigward ta' kif għandha taħdem din l-iskema, il-Kummissjoni tesponi, fil-punt 1.2 tad-[Deċiżjoni], li liġi nazzjonali tiffissa, għal kull installazzjoni industrijali, standard relattiv ta' emissjonijiet ta' NO_x li għandha tiġi rispettata. L-impriża tista' tirrispetta l-istandard ta' emissjonijiet hekk ipprovdut jew billi tadotta miżuri għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' NO_x ta' l-installazzjoni tagħha, jew billi tixtri kwoti ta' emissjonijiet mingħand impriżi oħra, jew inkella billi tgħaqqad iż-żewġ possibbiltajiet. It-tnaqqis fl-emissjonijiet, fil-forma ta' krediti ta' NO_x jiġu offruti fis-suq tal-kwoti ta' emissjonijiet mill-installazzjonijiet li l-emissjonijiet tagħhom huma inferjuri għall-istandard ta' emissjoni.

12. L-emissjonijiet totali annwali ta' NO_x ta' installazzjoni, korretta mill-krediti eventwali ta' NO_x mibjugħa jew mixtrija, għandhom jikkorrispondu mal-livell ta' emissjonijiet awtorizzat għall-imsemmija installazzjoni. L-emissjonijiet annwaliawtorizzati—f'termini assoluti—huma kkalkolati skond l-istandard ta' emissjonijiet relattivi u skond il-kwantità ta' enerġija użata mill-imsemmija installazzjoni.

13. Fi tmiem kull sena, l-awtoritajiet Olandiżi jivverifikaw jekk l-installazzjonijiet irrispettawx l-istandards ta' emissjonijiet preskritti. Kull sena, krediti ta' NO_x jistgħu jinxtraw, jiġu mġemmgħin

jew mislufin għal perijodi futuri. Jekk installazzjoni taqbeż l-istandard ta' emissjonijiet preskritti, hija għandha tikkumpensa l-eċċess is-sena ta' wara. Barra minn hekk, dan l-eċċess li għandu jiġi kkompensat jiżdied b'25% sabiex l-installazzjoni tiġi skoraggħita milli twettaq kull qbiż ta' dan il-limitu. Jekk installazzjoni ma tasalx tirrispetta l-istandard ta' emissjonijiet stabbiliti fil-konfronti tagħha, l-awtoritajiet Olandiżi jagħtuha multa effettiva, proporzjonata u dissuawiva.

[...]

16. Fil-punti 1.5 u 1.6 tad-[Deċiżjoni], il-Kummissjoni tippreċiża wara dan, li l-miżura in kwistjoni għandha tapplika għall-impriżi industrijali kollha li għandhom installazzjoni b'saħħa superjuri għal 20 megawatt termiċi (MWth), b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. L-awtoritajiet Olandiżi għandhom jibqgħu japplikaw il-valuri limitati ta' emissjonijiet iffissati mill-varji direttivi Komunitarji fis-seħħ.

17. Fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni tagħha tal-miżura in kwistjoni (punt 3 tad-[Deċiżjoni]), l-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar il-ġurisprudenza tagħha dwar l-i

kemi ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet u tagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' iskemi, kif ġej:

1) Is-sistemi fejn il-permessi ta' emissjonijiet jew ta' tniġġis negozzjabbli jiġu kkunsidrati bħala assi intanġibbli li jirrappreżentaw valur kummerċjali li l-Istat seta xorta waħda biegħ jew ħareġ b'offerta, u dan jagħti lok għal nuqqas ta' qligħ (jew telf tar-riżorsi ta' l-Istat), b'tali mod li jkun hemm għajna mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE;

2) is-sistemi fejn il-permessi ta' emissjonijiet jew ta' tniġġis negozzjabbli għandhom jiġu kkunsidrati bħala prova uffċjali li ċerta produzzjoni ma tistax tinbiegħ jew tinħareġ b'offerta lill-benefiċjaru tal-permess, b'tali mod li ma jkunx hemm nuqqas ta' qligħ — u għaldaqstant l-ebda riżorsa ta' l-Istat in kwistjoni — u dan jimplika, min-naħa tiegħu, nuqqas ta' l-għajna mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

18. Sussegwentement, il-Kummissjoni tesponi r-raġunijiet li wassluha tikkonkludi li kien hemm għajna mill-Istat fil-każ tal-miżura in kwistjoni, jiġifieri, essenzjalment, l-għoti, mingħajr hłas, min-naħa ta' l-Istat ta' krediti ta' NO_x lil grupp speċifiku ta' impriżi li jikkummerċjaw bejn Stati Membri. Skond

id-deċiżjoni kkontestata, l-awtoritajiet Olandiżi kellhom il-possibbiltà li jbiegħu jew li joħorġu b'offerta l-kwoti ta' emissjonijiet. Għaldaqstant, billi joffri mingħajr hłas krediti ta' NO_x bħala assi intanġibbli, l-Istat Membru jkun qiegħed jonqos milli jagħmel qligħ. Il-Kummissjoni tiddeđu minn dan li din l-iskema tinvolvi riżorsi mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE. It-tisħiħ tal-pożizzjoni ta' l-impriżi kkonċernati taffettwa l-kummerċ bejn l-Stati Membri.

19. Fl-aħħar nett, fil-punt 3(3) tad-[Deċiżjoni] il-Kummissjoni teżamina l-kompatibbiltà tal-miżura in kwistjoni mas-suq komuni.

20. Bħala konklużjoni, fil-punt 4 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tikkonstata li l-miżura in kwistjoni tinvolvi għajna mill-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE, filwaqt li żżid li din l-għajna hija kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87(3) KE u l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet Olandiżi sabiex ta' kull sena jibagħtulha rapport rigward l-implementazzjoni tal-miżura in kwistjoni u sabiex jinnotifikawha minn qabel dwar kull tibdil fil-kundizzjonijiet li taħthom tingħata l-għajna.

3. Fir-risposta ta' tagħhom il-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu li l-miżura inkwistjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2005.

II — It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

4. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, appoġġjat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, talab lill-Qorti Ġenerali tannulla d-Deċiżjoni f'dik il-parti fejn ikkwalifikat bħala għajnuna mill-Istat il-miżura inkwistjoni u tikkundanna l-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż. Din tal-aħħar ikkonkludiet, fl-ewwel lok, li r-rikors ma kienx ammissibbli, u sussidjarjament, li r-rikors kellu jiġi miċħud u talbet li l-Pajjiżi l-Baxxi jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż.

5. Fis-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tar-rikors imressqa mill-Kummissjoni (punti 37-49). Dwar il-mertu, hija ċaħdet l-ewwel ilment tal-ewwel motiv tar-rikors, rigward il-ksur tal-Artikolu 87 KE, li permezz tiegħu l-Pajjiżi l-Baxxi rrilevaw in-nuqqas ta' vantaġġ iffinanzjat permezz ta' riżorsi tal-Istat (punti 63-78), u laqgħet it-tieni lment, li permezz tiegħu l-Istat rikorrent ikkontesta l-eżistenza tal-kundizzjoni tas-selettività (punti 84-101). Għalhekk il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni u kkundannat lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

6. Permezz ta' att iddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni ppreżentat l-appell

li huwa s-suġġett tal-kawża preżenti. Fir-risposti rispettivi, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentaw appelli incidentalni. B'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Diċembru 2008, ir-Renju Unit u r-Repubblika tas-Slovenja ġew ammessi sabiex jintervjenu fil-kawża preżenti. B'digriet tat-8 ta' Mejju 2009, ir-Repubblika Franċiża ġiet ammissa sabiex tintervjeni taħt il-kundizzjonijiet previsti bl-Artikolu 93(7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 l-aġenti tal-Kummissjoni u tal-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża ppreżentaw l-argumenti orali tagħhom.

7. Fl-att li ta bidu għall-kawża, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja, prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara r-rikors fil-prim'istanza bħala inammissibbli u, sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata u tiċħad ir-rikors fil-prim'istanza. Fiż-żewġ każijiet, hija talbet li l-Pajjiżi l-Baxxi jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri tal-prim'istanza u tal-appell. Fir-risposta għall-appelli incidentalni tal-Pajjiżi l-Baxxi u tar-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja, prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara inammissibbli r-rikors tal-prim'istanza u, sussidjarjament, tiċħad l-appelli incidentalni, tannulla s-sentenza appellata u tiċħad bħala infondata ir-rikors tal-prim'istanza.

8. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkonkludi, prinċipalment, li l-appell għandu jiġi miċħud u, sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata fil-parti fejn jiġi miċħud il-motiv tar-rikors li hu bbażat fuq in-nuqqas ta' vantaġġ iffinanzjat permezz ta' riżorsi tal-Istat. Fiż-żewġ każijiet, huma jitolbu li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż tal-prim'istanza u tal-appell.

9. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkonkludi, prinċipalment, li l-appell għandu jiġi miċħud u li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata u, sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra inammissibbli din l-aħħar konklużjoni, l-appell għandu jiġi miċħud u, fil-każ li l-appell jiġi milqugħ, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata. Fiż-żewġ każijiet hija ssostni l-konklużjonijiet li ppreżentat fil-prim'istanza u titlob li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

10. Ir-Renju Unit isostni li t-talbiet tal-Kummissjoni dwar l-inammissibbiltà tar-rikors tal-prim'istanza għandhom jiġu miċħuda u jaqbel mal-konklużjonijiet ippreżentati fl-ewwel lok mill-Pajjiżi l-Baxxi. Ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li l-appell tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud u li din għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż. Waqt is-seduta, ir-Repubblika Franċiża ssostniet li l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni għandhom

jiġu miċħuda favur l-inammissibbiltà tar-rikors fil-prim'istanza.

IV — Dwar l-appell prinċipali

11. L-appell tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq żewġ aggravji. L-ewwel aggravju jirreferi għal ksur tal-Artikolu 230 KE u huwa indirizzat kontra dik il-parti tas-sentenza fejn hemm iddikjarat li r-rikors tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa ammissibbli. Bit-tieni aggravju, li ġie invokat sussidjarjament, il-Kummissjoni tilmenta minn ksur tal-Artikolu 87(1) KE.

A — Dwar l-ewwel aggravju tal-appell, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 230 KE

12. Il-Kummissjoni ssostni li Stat Membru ma għandux *locus standi* abbażi tal-Artikolu 230 KE kontra deċiżjoni li tapprova b'mod inkundizzjonat miżura nnotifikata fil-kuntest ta' skema ta' kontroll tal-ġajnuna mill-Istat. L-aggravju huwa bbażat fuq żewġ ilmenti.

1. Dwar l-ewwel ilment

13. Bl-ewwel ilment tal-ewwel aggravju tal-appell tagħha, il-Kummissjoni ssostni li

l-Qorti Ġenerali ddistingwiet b'mod żbaljat l-fatti ppreżentati għall-eżami tagħha minn dawk li kienu s-suġġett tal-kawża li tat lok għad-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Jannar 2004, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni⁴ (iktar 'il quddiem id-“digriet Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni”). Skont il-Kummissjoni ma teżisti ebda differenza li hija legalment rilevanti bejn iż-żewġ kawżi. Il-Pajjiżi l-Baxxi, appoġġjati mir-Renju Unit, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Franċiża, kif ukoll ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jsostnu minflok li ċ-ċirkustanzi tal-kawża li taw lok għal dak id-digriet huma sostanzjalment differenti minn dawk tal-kawża preżenti u għalhekk dak il-preċedent ma huwiex rilevanti.

14. Jeħtieġ li ssir referenza fil-qosor għall-kontenut tad-digriet Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni mogħti fil-mori tal-kawża u li wassal sabiex tingħata s-sentenza appellata.

15. F'dan id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat bħala inammissibbli r-rikors imressaq mill-Pajjiżi l-Baxxi kontra-deċiżjoni li biha l-Kummissjoni kienet ikkonstatat il-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' wħud mill-miżuri ta' incentiiv għat-trasformazzjoni ta' fdalijiet tat-tħammil innotifikati minn dak l-Istat Membru. Ir-rikors kien limitat għall-parti tad-deċiżjoni “fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet tal-port bis-saħħa ta' dik il-liġi kienu jammontaw għal għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE” (punt 1).

4 — Kawża C-164/02 (Ġabra p. I-1177).

16. Ir-raġunament tad-digriet huwa partikolarment xott. Wara li fakkret il-ġurisprudenza li abbażi tagħha jistgħu biss ikunu suġġett ta' azzjoni għall-annullament fis-sens tal-Artikolu 230 KE, id-dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jipproduċu effetti legali vinkolanti li kapaċi jħallu effetti fuq l-interessi tar-rikorrenti u li jbiddu b'mod rilevanti l-pożizzjoni legali tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni, fil-punt 20, li d-deċiżjoni appellata, li kienet iddikjarat l-iskema tal-għajjnuna mill-Istat li għet innotifikata bħala kompatibbli mas-suq komuni, ma setgħetx tbiddel b'mod rilevanti s-sitwazzjoni legali tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, “ladarba, fin-notifika tiegħu ta' dik l-iskema, il-Gvern Olandiż [kien] talab lill-Kummissjoni tevalwa l-legalità fis-sens tal-Artikoli 87 KE u 88 KE”⁵ [traduzzjoni mhux uffċjali]. Fil-punti 21 u 22, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għall-argument tal-Pajjiżi l-Baxxi li jsostnu li parti mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata (fejn il-Kummissjoni tirrileva li wħud mill-awtoritajiet tal-port jidħlu taħt il-kunċett ta' impriża fis-sens tal-Artikolu 87 KE) kienet toħloq madankollu konsegwenzi legali negattivi għal dak l-Istat. F'dan ir-rigward, hija osservat fuq kollox li huwa biss id-dispożittiv ta' deċiżjoni li jista' jikkawża effetti legali u, konsegwentement, li joħloq preġudizzju, u li l-interpretazzjonijiet mogħtija fil-motivazzjoni jistgħu jiġu legalment mistħarrġa mill-qorti Komunitarja “fil-każ biss, li jkun parti mill-motivazzjoni ta' att li joħloq preġudizzju, jiffurmaw il-bażi meħtieġa tad-dispożittiv ta' dak l-att” [traduzzjoni mhux uffċjali]. Hija kkonkludiet, fil-punt 22, li, fil-każ inkwistjoni, “il-motivazzjoni kkontestata ma tifformax il-bażi meħtieġa tad-dispożittiv

5 — Fuq nota purament inċidentali, nammetti li għandi f'it tad-diffikultà sabiex nifhem ir-relazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li qiegħda tistabbilixxi bejn l-effett tan-notifika u l-evalwazzjoni tal-effetti tad-dispożizzjoni. Li tiġi stabbilita l-inċidenza ta' dispożizzjoni f'materja ta' għajjnuna mill-Istat fuq is-sitwazzjoni legali tal-Istat destinatariju, fil-fehma tiegħi jiddependi fuq l-evalwazzjoni oġġettiva tal-effetti tagħha, irrispettivament mill-konvinzjoni li dak l-Istat jista' jkollu rigward il-klassifikazzjoni eżatta jew il-kompatibbiltà mas-suq komuni tal-miżuri proposti, inqas u inqas f'każ li dan jiddeċiedi li jipproċedi bin-notifika ta' dawk il-miżuri.

ta' deċiżjoni li toħloq preġudizzju għar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi”, u speċifikat li, “peress li l-Kummissjoni kkonstatat fid-dispożittiv tad-deċiżjoni appellata li, irrISPETTIVAMENT mill-fatt li wħud mill-kontribuzzjonijiet inkwistjoni jistgħu jikkostitwixxu għajjnuna fis-sens tal-Artikolu 87 (1) KE, l-iskema inkwistjoni hija madankollu ġġustifikata minħabba r-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 87 (3)(ċ) KE, fejn id-dispożittiv msemmi ma *jammontax assolutament għat-teħid ta' pożizzjoni dwar in-natura tal-impriża ta' kull awtorità tal-port, u lanqas dwar in-natura tal-attivitajiet ta' dawn l-awtoritajiet fit-totalità tagħhom*”⁶ [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-punt 23, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid illi “[i]d-deċiżjoni appellata ma tgħid xejn dwar il-pożizzjonijiet partikolari ta' xi waħda jew oħra mill-awtoritajiet tal-port inkwistjoni” u li “din id-deċiżjoni ma tikkundizzjonax bl-ebda mod l-evalwazzjoni fis-sens tal-Artikolu 87 (1), ta' kontribuzzjonijiet eventwali oħrajn mogħtija mill-awtoritajiet tal-port” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

17. Mill-motivazzjoni tad-digriet, riprodotta b'mod ġenerali fil-punt preċedenti, jirriżulta li kien hemm żewġ elementi li wasslu f'dak il-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex

tiddikjara r-rikors tal-Pajjiżi l-Baxxi bħala inammissibbli. Fl-ewwel lok, fir-raġunament fil-qosor tal-Qorti tal-Ġustizzja, tassumi rwol partikolarment sinjifikattiv, jekk mhux determinanti, iċ-ċirkustanza li, fl-att tan-notifika, il-Pajjiżi l-Baxxi kellhom jillimitaw irwieħhom li jitolbu lill-Kummissjoni li tevalwa l-legalità tal-miżuri ta' inċentivi għat-trasformazzjoni tal-fdalijiet tat-tħammil, mingħajr ma jindikaw li qegħdin isostnu li dawn il-miżuri ma jammontawx għall-għajjnuna tal-Istat meta jkunu maħsuba għall-awtoritajiet tal-port⁷. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat illi l-Kummissjoni, billi kkunsidrat il-miżuri nnotifikati fit-totalità tagħhom bħala kompatibbli mal-Artikolu 87 (3), astjeniet milli tippronunzja ruħha b'mod definittiv dwar in-natura tal-għajjnuna tal-inċentivi lill-awtoritajiet tal-port.

18. Dawn iż-żewġ elementi huma neqsin f'din il-kawża.

19. Minn naħa, meta nnotifikaw il-miżura inkwistjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi ppreċiżaw li,

7 — Mill-qari tal-atti tal-kawża joħroġ li Kummissjoni stess insistiet dwar ir-rilevanza ta' din iċ-ċirkustanza, billi enfasizzat li bl-ebda mod, fil-kors tal-proċediment amministrattiv il-Pajjiżi l-Baxxi ma informawha bil-pożizzjoni tagħhom dwar il-klassifikazzjoni tal-inċentivi maħsuba għall-awtoritajiet tal-port.

6 — Jiena żidt il-parti miktuba bil-korsiv.

fil-fehma tagħhom, din ma kinitx tammonta għal għajnuna mill-Istat u talbu dikjarazzjoni mill-Kummissjoni f'dan is-sens. Min-naħa l-oħra, fid-Deċizzjoni, il-Kummissjoni ħadet pożizzjoni ċara u inekwivokabbli dwar in-natura tal-għajnuna ta' dik il-miżura. Kuntrarju għal dak li sostniet l-istituzzjoni rikorrenti, fid-dawl tal-motivazzjoni tad-digriet Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, dawn id-differenzi huma legalment rilevanti u jimpedixxu li tiġi trasposta awtomatikament għall-każ inkwistjoni s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-preċedent inkwistjoni.

20. B'mod iktar ġenerali, inħoss li mhux possibbli li wieħed jilmaħ fid-digriet Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li teskludi fil-prinċipju d-dritt tal-Istati Membri li jikkontestaw id-deċizzjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni tawtorizza, b'mod inkundizzjonat, il-miżuri ta' għajnuna nnotifikati minnhom. Għal kuntrarju, il-karatteristiċi speċifiċi tal-każ inkwistjoni, u l-mod kif dawn ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja, iwasslu pjuttost sabiex tiġi limitata l-porata tagħhom.

21. Bħala konklużjoni, insostni li l-Qorti Ġenerali ma għamlitx żball meta ddistingwixxiet il-każ inkwistjoni li ġie mressaq għall-eżami tagħha mis-suġġett tal-kawża li tat lok għad-digriet Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni. Din il-konklużjoni ma terġax titqiegħed għad-diskussjoni anki fejn jiġi kkonstatat li kien hemm l-iżnaturament

tal-fatti li, skont il-Kummissjoni, għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 47 tas-sentenza appellata⁸.

22. L-ewwel ilment imressaq mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel aggravju tal-appell tagħha għandu għalhekk jiġi miċħud.

2. Dwar it-tieni lment

23. Bit-tieni lment tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta d-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali li abbażi tagħha l-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna ħolqot konsegwenzi legali. L-ilment huwa indirizzat b'mod partikolari kontra l-punt 41 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali sostniet li din il-klassifikazzjoni, li ppermettiet lill-Kummissjoni teżamina l-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq komuni, minn naħa "tiddetermina l-applikazzjoni tal-proċedura prevista għall-iskemi ta' għajnuna eżistenti mir-Regolament Nru 659/1999, u b'mod partikolari tal-proċedura prevista fl-Artikoli 17 sa 19 u fl-Artikolu 21 tiegħu, li timponi fuq l-Istat Membru l-obbligu li jikkomunika rapport annwali fuq l-iskemi kollha ta' għajnuna eżistenti" u, min-naħa l-oħra "jista' (...) jkollha effett ukoll fuq l-għoti

⁸ — Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali sostniet b'mod żbaljat li, fid-deċizzjoni appellata fil-kawża li tat lok għad-digriet Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, il-konstatazzjonijiet li huma s-suġġett tal-ilment min-naħa tal-Istat Membru rikorrenti kienu jeżistu biss fil-motivazzjoni u mhux fid-dispożittiv.

ta' għajnuna ġdida abbażi tar-regoli dwar il-kumulu ta' għajnuna ta' oriġini differenti, previsti b'mod partikolari mill-punt 74 tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna ta' l-Istat għall-ħarsien ta' l-ambjent”.

anki sabiex tiġi eskluża l-ammissibbiltà tar-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teżamina miżura tal-Istat peress li kienet għajnuna “ġdida” u mhux “eżistenti” u li dan kien ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja¹⁰.

24. L-istituzzjoni rikorrenti tisħaq li, minħabba n-natura oġġettiva tal-kunċett ta' għajnuna, il-konsegwenzi msemija mill-Qorti Ġenerali joriġinaw min-natura nnifisha tal-miżura inkwistjoni u mhux mid-Deċiżjoni. Fil-fehma tiegħi dan l-argument ma jikkonvinċinix. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja diversi drabi sostniet, anki jekk fil-kuntest tad-definizzjoni tas-sinjifikat tal-kontroll ġurisdizzjonali dwar l-applikazzjoni tal-kunċett ta' għajnuna min-naħa tal-Kummissjoni, li dan il-kunċett huwa ta' natura oġġettiva⁹, li jippermetti li wieħed isostni, kif jidher li tagħmel il-Kummissjoni, li deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 87 (1) KE (l-Artikolu 107 (1) TFUE) għandha valur sempliċement ta' verifika, pożittiva jew negattiva, tan-natura tal-għajnuna tal-miżura nnotifikata. Minkejja dan, fil-fehma tiegħi huwa diffiċli li jiġi kkontestat li, fejn il-Kummissjoni tiddikjara b'mod żbaljat li intervent tal-Istat partikolari jikkostitwixxi għajnuna, huwa minn din id-deċiżjoni u mhux mill-miżura inkwistjoni, li fir-realtà hija nieqsa mir-rekwiżiti ta' għajnuna, li minnha joriġinaw il-konsegwenzi legali marbuta ma' din il-klassifikazzjoni, konsegwenzi li ma jkunx possibbli għall-Istat Membru inkwistjoni li jeliminaw jekk ma jiksibx l-annullament dwar il-punt tad-deċiżjoni. Barra minn hekk, infakkar li argument simili kien invokat mill-istituzzjoni rikorrenti

25. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-applikazzjoni tal-limiti tal-kumulazzjoni tal-għajnuna prevista mil-leġiżlazzjoni Komunitarja tal-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent, u msemija fil-punt 41 tas-sentenza appellata, tikkostitwixxi konsegwenza purament ipotetika tad-Deċiżjoni. Naqbel ma' din l-analiżi. Dak il-limitu huwa fil-fatt maħsub sabiex jipproduċi effetti fil-każ biss li l-Pajjiżi l-Baxxi jiddeċiedu li jagħtu għajnuna oħra lill-impriżi rigward il-miżura inkwistjoni. Barra minn hekk, l-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwardja l-obbligu tan-notifika u l-obbligu stand-still stipulat fl-Artikolu 88(3) KE (l-Artikolu 108(3) TFUE), li l-Gvern Ġermaniż jirreferi għalihom, obbligi li l-Pajjiżi l-Baxxi jridu josservaw fil-każ biss li jiddeċiedu jadottaw miżuri simili għal dik ikkontestata jew, konformi mal-punt 4 ta' dik id-Deċiżjoni, li jbiddu elementi ta' dik il-miżura.

9 — Ara pereżempju, sentenza tas-16 ta' Mejju 2000, Franza vs Ladbroke Racing u Il-Kummissjoni (C-83/98 P, Ġabra p. I-3271, punti 24 u 25), li tirreferi għaliha l-Kummissjoni.

10 — Ara s-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1992, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-312/90, Ġabra p. I-4117, punti 6 u 13) u L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-47/91, Ġabra p. I-4145, punti 14 u 26).

26. Fir-rigward tal-obbligu tal-Istat Membru li jkun interessat, li jippreżenta rapport dwar l-implementazzjoni tal-miżura inkwistjoni, liema obbligu jissewma wkoll fil-punt 41 tas-sentenza kkontestata, il-Kummissjoni essenzjalment tillimita ruħha li tosserva li, skont l-informazzjoni fil-pussess tagħha, l-ebda rapport ma qatt intbagħat mill-awtorità tal-Pajjiżi l-Baxxi. Dan l-argument, fil-fehma tiegħi, ma jsegwix. Iċ-ċirkustanza li dan l-obbligu sa issa ma ġiex implementat mill-Pajjiżi l-Baxxi fil-fatt ma għandhiex effett fuq il-kunsiderazzjoni tal-konsegwenza legali tal-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna.

27. B'mod iktar ġenerali, insostni li proprju l-applikazzjoni tal-proċedura stipulata għall-iskemi ta' għajnuna eżistenti, invokata mill-Qorti Ġenerali fl-imsewmi punt 41 tas-sentenza appellata, twassal għal konsegwenza legali ta' importanza kbira li toħroġ mill-klassifikazzjoni bħala għajnuna ta' intervent mill-Istat li jkun innotifikat. Fis-sens tal-Artikolu 108(1) TFUE, il-Kummissjoni tkompli bl-eżami permanenti tal-iskemi ta' għajnuna eżistenti fl-Istati Membri skont il-proċedura indikata fis-subartikolu (2) suċċessiv u ppreċiżata fl-Artikoli 17-19 tar-Regolament Nru 659/99. Dan jimplika li intervent mill-Istat ikkwalfikat bħala għajnuna jiġi mqiegħed taħt skrutinju kontinwu min-naħa tal-Kummissjoni u taħt kontroll regolari. Għalhekk deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3) TFUE toffri lill-Istat Membru kkonċernat inqas ċertezza ta' dritt, apparti minn marġini ta' manuvra iktar ristrett fl-implementazzjoni tal-miżura nnotifikata, meta mqabbla ma'deċiżjoni li teskludi n-natura ta' għajnuna ta' din il-miżura fis-sens tal-Artikolu 107(1)

TFUE. Fil-każ tal-Pajjiżi l-Baxxi, kienet proprju t-tfittxija għaċ-ċertezza tad-dritt li ċaqalqet lill-awtoritajiet tal-imsewmi Stat Membru li jinnotifikaw il-miżura inkwistjoni anki jekk kienu konvinti li din ma kinitx tammonta għal għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 KE.

28. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, insostni għalhekk li anki t-tieni lment imressaq mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel aggravju tagħha tal-appell għandu jiġi miċħud.

3. Konklużjonijiet dwar l-ewwel aggravju tal-appell

29. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li din għandha tiċħad għal kolloxx l-ewwel aggravju tal-appell imressaq mill-Kummissjoni, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 230 KE.

B — Dwar it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 87(1) KE

30. It-tieni aggravju tal-appell, ippreżentat sussidjarjament, huwa bbażat ukoll fuq żewġ ilmenti.

1. Dwar l-ewwel ilment

31. Bl-ewwel ilment tat-tieni aggravju tal-appell, il-Kummissjoni tikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali fejn tgħid li l-miżura inkwistjoni ma tammontax għal għajjnuna mill-Istat peress li ma hijiex tali li tivvantaġġja wħud mill-impriżi jew uħud mill-prodotti. Dan l-ilment huwa bbażat fuq il-punti 84-96 tas-sentenza appellata u jqajjem żewġ kontestazzjonijiet distinti.

sabiex jeskludi l-kwalifika ta' għajjnuna mill-Istat¹¹. Skont din l-istess ġurisprudenza, il-fatt li miżura statali tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi ta' applikazzjoni orizzontali jindika biss li l-inċentivi stipulati minnha ma jammontawx għal għajjnuna individwali iżda jidħlu taħt skema ta' għajjnuna¹². Il-Kummissjoni għalhekk issostni korrettament, fil-kuntest tal-ewwel kontestazzjoni tagħha, li dak il-fatt ma jippermettix minnu nnifsu, li wieħed jikkonkludi li inizjattiva mill-Istat għandha tiġi kkunsidrata bħala miżura ġenerali ta' politika ekonomika, li għalhekk hija nieqsa minn element selettiv.

a) Dwar l-ewwel kontestazzjoni

32. Il-Kummissjoni tikkontesta qabel xejn li l-Qorti Ġenerali attribwixxiet importanza partikolari, bl-iskop li teskludi s-selettività tal-miżura inkwistjoni, għaċ-ċirkustanza partikolari li l-istabbilimenti industrijali kbar kollha tal-Pajjiżi l-Baxxi huma suġġetti għall-miżura inkwistjoni u li, konsegwentement, il-kriterju tal-applikazzjoni ta' dik il-miżura huwa oġġettiv u mhux ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura ġeografika jew settorjali.

34. Madankollu, din il-kontestazzjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni mhux eżatta tas-sentenza appellata u għalhekk għandha tiġi injorata. Fil-fatt, kuntrarju għal dak li jidher li qiegħda ssostni l-Kummissjoni, il-konklużjoni li hemm fil-punt 96 tas-sentenza appellata, fejn jingħad li "il-miżura in kwistjoni, meħuda kollha kemm hi, ma tiffavorixxix [...] ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet, fis-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE", ma hijiex ibbażata, jew ma hijiex ibbażata b'mod determinanti, fuq il-punti 87

33. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li n-numru ta' impriżi li jistgħu jippretendu li jibbenefikaw mill-miżura inkwistjoni huwa pjuttost kbir, jew li dawn l-impriżi jappartjenu għal setturi ta' attivitajiet differenti, ma huwiex biżżejjed sabiex jeskludi n-natura selettiva tal-miżura nnifisha u, għalhekk,

11 — Ara sentenzi tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-75/97, Ġabra p. 1-3671, punt 32), tat-8 ta' Novembru 2001, Adria Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke (Ġabra p. I-8365, punt 48), u tat-13 ta' Frar 2003, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-409/00, Ġabra p. I-1487, punt 48).

12 — Ara, b'mod partikolari, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-409/00 iċċitata iktar 'il fuq, punt 49).

u 88 preċedenti, li huma b'mod partikolari s-suġġett ta' kontestazzjoni tar-rikorrenti. Minn naħa, fil-punt 87 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tesprimix l-evalwazzjoni proprja tagħha, imma sempliċiment tesponi wħud mill-elementi li jikkaratterizzaw il-miżura inkwistjoni, kif spjegat fid-Deċiżjoni, filwaqt li l-ewwel frażi tal-punt 88 tinkludi biss konstatazzjoni ta' fatt.

35. Min-naħa l-oħra, il-konklużjoni inkluża fit-tieni sentenza tal-istess punt 88, fejn jingħad li “l-kriterju għall-applikazzjoni tal-miżura in kwistjoni huwa [...] oġġettiv, mingħajr ebda kunsiderazzjoni ġeografika jew settorjali”, għandha importanza limitata fl-ambitu tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali u għalhekk sostanzjalment inferjuri fir-rigward ta' dik li tiġi attribwita lilha mill-Kummissjoni. Fil-fatt mill-punti 89 *et seq* tas-sentenza appellata, li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li hi pjuttost deċiżiva, bl-iskop li teskludi s-selettività tal-miżura inkwistjoni, il-konstatazzjoni, inkluża fil-punt 90 tal-motivazzjoni, fejn jingħad li s-sitwazzjoni legali u fattwali tal-impriżi suġġetti għal-limiti ta' emissjonijiet ta' NO_x li jiġu applikati għall-impjanti industrijali kbar “ma tistax titqies li hija paragonabbli għal dik ta' l-impriżi li għalihom dan il-limitu massimu ma japplikax”. Il-konklużjoni li tinsab fil-punt 94 segwenti, jiġifieri li l-Kummissjoni “lanqas ma stabbilixxiet l-eżistenza ta' skema

ġenerali li tapplika għall-impriżi li jkunu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragonabbli ma' dik ta' l-installazzjonijiet suġġetti għall-miżura in kwistjoni, iżda li ma toffrix il-vantaġġ li tirrappreżenta n-negozzjabbiltà tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' NO_x” hija wkoll determinanti.

36. Abbażi ta' din l-analiżi, l-ewwel kontestazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel ilment tat-tieni aggravju tal-appell, li bih l-istituzzjoni rikorrenti tikkontesta li l-Qorti Ġenerali bbażat ir-raġunament tagħha proprju fuq in-natura oġġettiva tal-kriterju ta' applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni, għandha tiġi kkunsidrata li hija infondata. F'kull każ din hija ineffettiva, għaliex anki fejn hija fondata, ma tkunx minnha nnifisha suffiċjenti sabiex tinvalida l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li abbażi tagħha din il-miżura ma hijiex ta' natura selettiva, ladarba, kif wieħed seta' jara iktar qabel, din il-konklużjoni hija bbażata, b'mod sostanzjali, fuq kunsiderazzjonijiet ta' tip differenti.

b) Dwar it-tieni kontestazzjoni

37. Fil-kuntest tal-ewwel ilment tat-tieni aggravju tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta, barra minn hekk, l-oneru

tal-prova impost fuqha mill-Qorti Ġenerali¹³. Din il-kontestazzjoni hija indirizzata kontra l-punti 89-96 tas-sentenza appellata, minn fejn jirriżulta, fis-sustanza, li sabiex tintwera s-selettività tal-miżura inkwistjoni, il-Kummissjoni kellha tipproduċi l-prova li: (a) l-impriżi li dik il-miżura ma tapplikax għalihom, u li ma humiex offruti l-vantaġġ li jikkonsisti fin-negozjabbiltà tad-drittijiet ta' emissorijiet ta' NO_x, huma suġġetti għall-istess obbligi (il-PSR), jew għal "obbligi tal-istess natura", bħal dawk imposti

mill-imsemmija miżura, u (b) li dawn l-impriżi jistgħu jiġu mmultati fil-każ ta' ksur¹⁴.

38. Skont il-Kummissjoni, il-prova mitluba mill-Qorti Ġenerali hija superfluwa, ladarba jirriżulta b'mod ċar mid-Deċiżjoni u mis-sentenza appellata li l-impriżi kollha tal-Pajjiżi l-Baxxi huma suġġetti għal restrizzjonijiet fl-emissorijiet ta' NO_x; dan ikun biżżejjed sabiex tintwera n-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni, peress li, fir-rigward tal-limitazzjonijiet imposti fuq l-impriżi stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi kollha kemm huma, huwa biss il-grupp ta' impriżi li tapplika għalihom din il-miżura li għandhom il-fakultà jiskambjaw bejniethom id-drittijiet ta' emissorijiet. Barra minn hekk, hija impossibbli li titwettaq il-prova mitluba mill-Qorti Ġenerali, peress li huwa evidenti li l-impriżi li ma humiex suġġetti għall-miżura inkwistjoni ma humiex obbligati li josservaw l-obbligi stipulati minnha. Għall-kuntrarju, il-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod korrett is-sinjifikat tal-oneru tal-prova li għandha l-Kummissjoni, peress li l-kriterju ta' selettività stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja

13 — Fil-kuntest ta' din il-kontestazzjoni, fuq titolu purament inċidentali, il-Kummissjoni tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà tas-sentenza appellata, fil-parti fejn tiġi analizzata s-selettività tal-miżura kkontestata, mal-ġurisprudenza li ssostni li rikors għall-annullament ma jstax ikun iċċarat fuq fatti jew motivi li ma jkunux ġew imqamin la fil-kors tal-proċeduri skont l-Artikoli 107 u 108 TFUE u lanqas fl-aġt introduttiv tar-rikors. Minħabba li dawn l-allegazzjonijiet huma vagi u l-fatt li l-Kummissjoni ma tidherx li qiegħda tifformula obbligu veru u proprju, se nilimita ruħi f'dan ir-rigward għal żewġ punti qosra. Fl-ewwel lok, il-ġurisprudenza li tidher li qed tirreferi għaliha l-istituzzjoni rikorrenti, li abbażi tagħha l-leġittimità ta' deċiżjoni dwar il-materja ta' għajnunna mill-Istat trid tiġi evalwata fid-dawl tal-informazzjoni li kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni meta adottatha [(ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (234/84, Ġabra p. 2263, punt 16), tas-26 ta' Settembru 1996, Franza vs Il-Kummissjoni (C-241/94, Ġabra p. I-4551, punt 33)], tidher li hija nieqsa mir-rilevanza fil-każ inkwistjoni: fil-fatt il-Qorti Ġenerali ma ddeċidiet abbażi ta' elementi li ma kinux magħrufa mill-Kummissjoni, imma fis-sustanza, ikritikat lil din tal-aħħar għax waslet għal konklużjoni favur is-selettività tal-miżura kkontestata mingħajr ma kellha elementi biżżejjed sabiex issostni din il-konklużjoni. Fit-tieni lok, ma huwiex ċar jekk, billi invokat ċ-ċirkustanza li l-Pajjiżi l-Baxxi fir-rikors ma qajmox il-kwistjoni tas-selettività, il-Kummissjoni għandhiex il-ħsieb issostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita* jew bi ksur tal-Artikolu 48(2) tar-Regolamenti tal-Proċedura tagħha, li jistipula li eba raġuni ġdida ma tista' tiġi ppreżentata matul il-kawża. F'dan ir-rigward, l-aggravju eventwali tal-Kummissjoni huwa nieqes miċ-ċarezza neċessarja sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi.

14 — Il-punti 89-96 tas-sentenza appellata jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej. Il-Qorti Ġenerali tirrileva qabel xejn li, meta jitqies l-għan tal-miżura kkontestata u tal-fatt li huwa biss fuq l-impriżi li huma suġġetti għaliha li jiġi impost, taħt piena ta' ammenda, livell ta' emissorijiet jew livell standard rigoruż ta' prestazzjoni (PSR), is-sitwazzjoni fattwali u legali ta' dawn l-impriżi ma tistax titqies li hija simili għal dik tal-impriżi li għalihom dan il-limitu ma japplikax (punti 89 u 90). Iktar 'il quddiem din tikkonstata li l-Kummissjoni ma pprovdietx elementi li jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-impriżi li jikkunsmaw inqas minn 20 MWth jinsabu f'sitwazzjoni simili għal dik tal-impriżi li huma suġġetti għall-miżura kkontestata, u lanqas ma huma imposti fuqhom, taħt piena ta' ammenda, "obbligi tal-istess natura": b'mod partikolari, din l-istituzzjoni ma pprovdietx elementi sabiex turi li dawn l-impriżi huma suġġetti għall-PSR. Il-Qorti Ġenerali tikkonkludi għalhekk li l-Kummissjoni ma ppruvatx l-eżistenza ta' skema ġenerali li l-miżura kkontestata tidderoga minnha (punti 92-94).

fis-sentenza *Adria-Wien Pipeline*¹⁵ huwa bbażat proprju fuq il-komparabbiltà tas-sitwazzjoni tal-impriżi previsti fil-miżura inkwistjoni u ta' dawk li huma esklużi minnha. F'dan il-każ, il-250 impriża li għalihom tapplika l-miżura inkwistjoni ma jinsabux f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta' impriżi oħrajn, peress li dawn iġorru fuqhom obbligi supplimentari, li jirriżultaw mill-għan addizzjonali tat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' NO_x għal 55 kilotunnellati għall-2010.

39. Min-naħa tiegħi, infakkar li abbażi tal-kundizzjoni tas-selettività huma esklużi mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar għajjnuna mill-Istat, il-miżuri hekk imsejħa ġenerali, maħsuba sabiex isostnu mhux attivitajiet jew impriżi speċifiċi, imma l-operaturi ekonomiċi attivi fit-territorju tal-Istat fit-totalità tagħhom. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza, minn naħa, ippreċiżat li intervent pubbliku favur numru indefinit ta' benefiċjarji li jiġu identifikati wara li jiġu applikati numru ta' kriterji oġġettivi jeħtieġ

li jiġi analizzat bħala skema ta' għajjnuna li tammonta għal miżura selettiva, jekk minħabba l-kriterji tal-applikazzjoni tiegħu, jagħti vantaġġ lil uħud mill-impriżi jew uħud mill-prodotti, bl-esklużjoni ta' oħrajn¹⁶. Min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza kkarifikat li anki l-miżuri li huma apparentement ġenerali, inkwantu ma humiex limitati la settorjalment, la territorjalment, u lanqas ma huma diretti għal xi kategorija ristretta ta' impriżi, jistgħu jaqgħu taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 87 (1) KE, jekk l-attwazzjoni tagħhom, safejn tikkonċerna b'mod partikolari l-għażla tad-destinatari, l-ammont u l-kundizzjonijiet tal-intervent finanzjarju, titħalla fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali¹⁷. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ukoll li għajjnuna tista' tkun selettiva anki meta tkun tikkonċerna settur ekonomiku sħiħ¹⁸. B'mod iktar ġenerali, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-eżistenza tar-rekwiżit tas-selettività għandha tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni li ssir każ b'każ, li tkun immirata sabiex jiġi vverifikat jekk il-miżura inkwistjoni, meta tiġi kkunsidrata n-natura tagħha, il-kuntest tal-applikazzjoni tagħha, il-modi ta' kif tiġi attwata u l-effetti tagħha, twassalx jew ma twassalx għal *vantaġġi bi profitt esklussiv għal uħud mill-impriżi jew uħud mis-setturi tal-attività*¹⁹. Fis-sentenza *Adria-Wien Pipeline*, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li evalwazzjoni bħal din teżiġi li jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest ta' skema legali partikolari, miżura mill-Istat tkunx tali li tiffavorixxi "uħud mill-impriżi jew uħud mill-prodotti" fir-rigward ta' oħrajn,

16 — Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2000, *CETM vs Il-Kummissjoni* (T-55/99, *Ġabra* p. II-3207, punt 40).

17 — Ara sentenzi *Franza vs Il-Kummissjoni*, *Kawża C-241/94* iċċitata iktar 'il fuq, sentenza tad-29 ta' Ġunju 1999, *DM Transport*, *Kawża C-256/97* (*Ġabra* p. I-3913, punti 28-30), u tas-17 ta' Ġunju 1999, *Piaggio* (C-295/97, *Ġabra* p. I-3735, punt 39).

18 — Ara b'mod partikolari, is-sentenzi *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, *Kawża C-75/97*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33, u tal-15 ta' Diċembru 2005, *Unicredito Italiano* (C-148/04, *Ġabra* p. I-11137, punt 45).

19 — Ara s-sentenzi *Franza vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24, tal-1 ta' Diċembru 1998, *Ecotrade* (C-200/97, *Ġabra* p. I-7907, punti 40 u 41), u *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni* (C-75/97, iċċitata iktar 'il fuq).

15 — Iċċitata iktar 'il fuq.

li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni fattwali u legali simili meta jitqies l-għan segwit minn dik l-iskema²⁰.

biss għall-impriżi li għandhom stabbilimenti kbar tindika pjuttost in-natura selettiva tagħha.

40. Huwa fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza li jeħtieġ li tiġi eżaminata l-kritika li saret mill-Kummissjoni għas-sentenza appellata. Ngħid minnufih li jien naqbel ma' din il-kritika.

41. Nibda biex ngħid li ċ-ċirkustanza fejn miżura mill-Istat tiffavorixxi impriżi partikolari, li jiġu identifikati abbażi ta' fatturi li jikkarakterizzaw is-sitwazzjoni tagħhom komparata ma' dik tal-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha — pereżempju għax jappartjenu għal settur partikolari jew għax jagħmlu ċertu tip ta' attività²¹, jew minħabba d-dimensjonijiet tagħhom²² taġixxi, bħala prinċipju, fis-sens ta' rikonnoxximent tan-natura selettiva ta' dik il-miżura²³. Għalhekk, iċ-ċirkustanza li l-miżura inkwistjoni tapplika

42. Fil-każ inkwistjoni, peress li l-vantaġġi offruti mill-miżura inkwistjoni huma marbuta mal-impożizzjoni ta' obbligi, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li huwa meħtieġ li jiġi pprovat li l-istess obbligi, imma mhux il-vantaġġi relattivi, ikunu imposti anki fuq l-impriżi esklużi minn dik il-miżura u kkonkludiet li, fin-nuqqas ta' prova bħal din, is-sitwazzjoni taż-żewġ gruppi ta' impriżi ma tkunx komparabbli u li l-vantaġġi mogħtija lill-impriżi li jappartjenu għall-ewwel grupp ma jkunx jistgħu jiġu kkunsidrati li huma selettivi. Fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni hija kritikabbli minn żewġ aspetti.

43. Fl-ewwel lok, din fil-fehma tiegħi titlaq minn premessa ta' fatt żbaljata. Effettivament, id-differenza kwantitattiva²⁴ tal-obbligi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' NO_x li huma imposti fuq id-diversi impjanti stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi skont il-potenzjal tagħhom ta' tniġġis (obbligi li, għall-250 impriża

20 — Ara s-sentenza *Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41; fl-istess sens ara s-sentenzi *Ecotrade*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41, u *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, *Kawża C-75/97*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26.

21 — Ara s-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2006, *Air Liquide Industries Belgium*, *Kawża Magħqudin C-393/04 u C-41/05* (Ġabra p. I-5293, punt 31), u tal-15 ta' Lulju 2004, *Spanja vs Il-Kummissjoni* (C-501/00, Ġabra p. I-6717, punt 120).

22 — Ara, pereżempju, is-sentenza *Ecotrade*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28.

23 — Ara *inter alia* s-sentenza *Unicredito*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 49.

24 — Għalkemm is-sentenza appellata tirreferi għall-metodi ta' kalkolu tal-livell ta' emissjonijiet (punt 91) u, b'mod iktar ġenerali, għan-"natura" tal-obbligi imposti mill-miżura kkontestata, il-Qorti Ġenerali essenzjalment tirreferi għall-*livell kwantitattiv* tal-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet.

affettwati mill-miżura inkwistjoni, iwasslu għal tnaqqis kompressiv ta' 55 kilotunnellati ta' NO_x għall-2010) ma tikkostitwixxix, fil-fehma tiegħi, ostakolu għall-possibbiltà li tiġi komparata s-sitwazzjoni tal-impriżi li jmxexxu dawn l-impjanti mill-perspettiva tar-responsabbiltà li timplika għalihom l-osservanza tal-imsemmija obbligi. Effettivament, impriża li jkollha impjant wieħed jew iktar li jkollu potenza installata li tkun inqas minn 20 MWth, u li għalhekk ma jidħolx taħt il-miżura ikkontestata, tista' tiltaqa' mal-istess diffikultajiet, f'termini ta' investimenti li għandhom isiru u ta' spejjeż li jridu jitħallsu, sabiex jiġu osservati l-limiti ta' emissjonijiet imposti minnha, bħal dawk ta' impriża li tmexxi stabbilimenti attrezzati b'potenza ogħla minn 20 MWth, li għalihom il-miżura inkwistjoni tistabbilixxi mira għal tnaqqis tal-emissjonijiet kwantitattivament superjuri. Fit-teorija, anzi, peress li l-ispejjeż għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ivarjaw minn impriża għal impriża, ma huwa lanqas eskluż li dan l-arranġament jista' jirriżulta iktar oneruż għall-ewwel impriża, fejn din ikollha spejjeż għat-tnaqqis iktar għoljin minn dawk tat-tieni²⁵. Għaldaqstant, minkejja d-diversità tal-obbligi imposti fuqhom, l-obbligu li għandhom dawn iż-żewġ impriżi huwa *proporzjonalment komparabbli*.

44. Fit-tieni lok, il-konklużjoni li tasal għaliha l-Qorti Ġenerali ma jidhirlix lanqas li hija skont il-ġurisprudenza Adria-Wien Pipeline, iċċitata fil-punt 86 tas-sentenza appellata u li fuqha huwa bbażat ir-raġunament kollu tal-Qorti Ġenerali. Abbażi tal-punt 41 ta' din is-sentenza, sabiex jiġi stabbilit jekk dispożizzjoni statali għandhiex natura selettiva jeħtieġ li jiġi evalwat jekk hijiex tali li tiffavorixxi lil "uħud mill-impriżi jew uħud mill-prodotti" komparat ma' impriżi oħrajn li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni fattwali u legali simili meta *jiġi kkunsidrat l-għan segwit mid-dispożizzjoni*. F'dan il-każ, l-għan ambjentali tal-miżura inkwistjoni huwa t-tnaqqis tal-emissjonijiet industrijali ta' NO_x, jiġifieri ta' gassijiet li jniġġsu imma li mhumiex tossiċi, li għalihom ma jiġix muri għalhekk is-sors tal-emissjonijiet li jagħmel it-tnaqqis. Kuntrarjament għal dak li tikkonkludi l-Qorti Ġenerali, fir-rigward ta' għan bħal dan, *l-impriżi li għandhom l-istabbilimenti industrijali tagħhom stallati fil-Pajjiżi l-Baxxi u jarmu NO_x isibu ruħhom f'sitwazzjoni komparabbli*²⁶. Din il-komparabbiltà ma titqigħedx inkwistjoni minħabba s-sempliċi fatt li għal uħud minn dawn l-impriżi l-Istat ikun iddeċieda li jilħaq dak l-għan permezz tal-ħolqien ta' sistema ta' skambju ta' drittijiet ta' emissjoni. Fejn sistema bħal din toffri

25 — Għalhekk, abbażi ta' dak illi sostna il-Gvern Olandiż bi tweġiba għall-mistoqsijiet li saru mill-Qorti Ġenerali, għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-miżura kkontestata l-livell permess ta' emissjonijiet "ġie stabbilit f'livell li huwa intenzjonalment ogħla mill-emissjonijiet media", sabiex ikun possibbli għall-maġġoranza tal-impriżi sabiex josservawh u jakkwistaw krediti ta' emissjonijiet biżżejjed.

26 — F'dan il-każ, fil-prim'istanza, il-Kummissjoni sostniet ukoll li lanqas ma kien neċessarju li tiġi ppruvata l-eżistenza ta' obbligi jew limiti ta' emissjonijiet li jorbtu lill-impriżi li huma esklużi mis-sistema ta' skambju tal-permessi ta' emissjoni, sabiex tiġi ddikjarata n-natura selettiva tal-miżura kkontestata.

vantaġġ lill-impriżi li jipparteċipaw fiha, minkejja l-obbligi li din iġġib magħha, dan il-vantaġġ għandu natura selettiva, peress li jiffavorixxi biss numru limitat ta' impriżi, li jarmu NO_x fil-Pajjiżi l-Baxxi.

45. Hemm diversi preċedenti fil-ġurisprudenza li jikkonfermaw l-analiżi li għadni kif semmejt²⁷.

46. Bħala konklużjoni, insostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ddeskriviet is-sinjifikat tal-oneru probatorju li jorbot lill-Kummissjoni, fejn ikkonkludiet li din tal-aħħar kienet obligata li tipprova li l-impriżi li ma humiex suġġetti għall-miżura inkwistjoni kienu marbutin b'obbligi ta' tnaqqis ta' NO_x identiċi għal dawk imposti fuq impriżi suġġetti għal dik il-miżura.

47. Barra minn hekk il-Qorti Ġenerali kkonstatat li hija l-Kummissjoni li għandha

27 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Ecotrade, iċċitata iktar 'il fuq, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kienet selettiva liġi li introduċiet proċedura ta' amministrazzjoni straordinarja unikament favur impriżi industrijali kbar li jkunu f'diffikultà u mhux għall-impriżi kollha li jkunu fi stat ta' insolvenza; Il-Kummissjoni vs Spanja, C-409/00, iċċitata iktar 'il fuq, rigward skema ta' għajuna mill-Istat għall-akkwist ta' vetturi industrijali intiż għall-persuni fiżiċi biss u għal PMI (ara, b'mod partikolari, punt 50, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument tar-Renju ta' Spanja li jsofni li l-esklużjoni tal-impriżi l-kbar, "li jirrinovaw il-flotta tal-vetturi tagħhom b'mod iktar regolari u mingħajr l-għajuna għal dan l-iskop", kienet meħtieġa għall-ekonomija tas-sistema); Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-75/97, iċċitata iktar 'il fuq, rigward żieda fit-tnaqqis tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet soċjali għall-ħaddiema manwali għal benefiċċju unikament ta' impriżi li jappartjenu għal uħud mis-setturi tal-industrija tat-trasformazzjoni u b'sklużjoni ta' oħrajn, fejn ukoll hemm il-preżenza ta' ħaddiema manwali (punti 23-31), kif ukoll Adria-Wien Pipeline, iċċitata iktar 'il fuq, punti 48-53.

tipprova li l-impriżi suġġetti għal limiti ta' emmissjonijiet differenti minn dawk stabbiliti mill-miżura inkwistjoni jistgħu jiġu kkundannati jħallsu multa fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawk il-limiti. Sabiex jiġi evalwat, fil-każ inkwistjoni, jekk hijiex ġustifikata l-impożizzjoni ta' dan l-oneru probatorju, jeħtieġ jifakkur li, fil-punti 68 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-miżura inkwistjoni twassal għal *żewġ vantaġġi distinti* favur l-impriżi li huma suġġetti għaliha. Minn naħa, din tippermetti lil dawn l-impriżi li jinnegozjaw bejniethom id-drittijiet ta' emmissjonijiet li jirriżultaw indirettament mil-livell ta' emmissjonijiet impost fuqhom, u min-naħa l-oħra, din tippermetti lill-impriżi li rmew iktar NO_x komparat mal-livell ta' emmissjonijiet stabbilit, li jevitaw il-ħlas ta' multa billi jakkwistaw drittijiet ta' emmissjonijiet mingħand l-impriżi li kellhom eċċess. Issa, il-prova li l-impriżi li ma humiex suġġetti għall-miżura inkwistjoni huma suġġetti għal ħlas ta' multa fil-każ li jiġu superati l-limiti ta' emmissjoni, tista' tkun meħtieġa sabiex jiġi kkunsidrat li huwa selettiv il-vantaġġ maħluq mill-possibbiltà li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' din l-multa, peress li fin-nuqqas ta' prova bħal din is-sitwazzjoni ta' dawn l-impriżi loġikament ma tkunx komparabbli, fir-rigward ta' dan il-vantaġġ, ma' dik tal-impriżi suġġetti għal din il-miżura. Madankollu prova bħal din ma tistax tassumi ebda rilevanza la qed tiġi ttrattata n-natura eventwalment selettiva tal-vantaġġ magħmul min-negozjabbiltà tad-drittijiet ta' emmissjoni.

48. Konsegwentement, anki minn dan l-aspett, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat is-sinjifikat tal-oneru probatorju li jorbot lill-Kummissjoni.

49. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, insostni li t-tieni kontestazzjoni mqajma mill-istituzzjoni rikorrenti fil-kuntest tal-ewwel ilment tat-tieni aggravju tar-rikors, li permezz tagħha qiegħed jiġi sostnut li kien hemm żball fil-liġi meta ddeskriviet is-sinjifikat tal-oneru tal-prova li jorbot fuqha, hija fondata.

2. Dwar it-tieni lment

50. Anki fil-kuntest ta' dan l-ilment, il-Kummissjoni tqajjem żewġ kontestazzjonijiet distinti. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat, fl-aħħar frażi tal-punt 88 u fil-punti 97-100 tal-miżura appellata, li l-miżura inkwistjoni ma tammontax għal għajnuna mill-Istat peress li għandha bħala għan il-ħarsien tal-ambjent. Min-naħa l-oħra, din applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza li tgħid li miżura ma titqies bħala għajnuna mill-Istat jekk tiġi ġġustifikata abbażi tan-natura jew tal-istruttura ġenerali tas-sistema li hija inkluża fiha.

51. Rigward l-ewwel kontestazzjoni, nillimita ruħi sabiex nirrileva li din hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Kuntrarju għal dak li qed issostni l-istituzzjoni rikorrenti, fil-fatt, fis-siltiet

li tiċċita, il-Qorti Ġenerali fis-sustanza sempliċement tafferma li l-kriterju sabiex jiġi stabbilit liema impriżi tapplika għalihom il-miżura inkwistjoni jsib il-ġustifikazzjoni tiegħu fin-natura u fl-istruttura ġenerali tas-sistema maħluqa minnha. Għandha tiġi miċħuda bl-istess mod l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li tqajmet fl-ewwel lok fil-kuntest tat-tieni kontestazzjoni li ssostni li l-Qorti Ġenerali waqgħet f'kontradizzjoni meta ddikjarat, fil-punti 97-100 tas-sentenza appellata, li fil-Pajjiżi l-Baxxi teżisti sistema iktar wiesgħa għal dawk li huma emissjonijiet ta' NO_x li taħtha hija inkluża l-iskema inkwistjoni, fejn, fil-punt 91-94 tas-sentenza, din implikat proprju li l-Kummissjoni ma pprovatx l-eżistenza ta' skema ġenerali. Effettivament, minn naħa, il-punti 97-100 huma bbażati fuq premissa sempliċi, li madankollu hija fformulata għal finijiet ta' komplettezza, u, min-naħa l-l-oħra, fis-siltiet fejn tissemma "in-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema", il-Qorti Ġenerali tirreferi għas-"sistema" maħluqa bil-miżura inkwistjoni li fir-rigward tagħha hija ssostni li għandha tivverifika l-koerenza tad-distinzjoni bejn impriżi li hi tassumi li jeżistu bħala ipoteżi²⁸, u mhux, bħalma ssostni l-Kummissjoni, għal skema "iktar wiesgħa" dwar NO_x li tiġi applikata fil-Pajjiżi l-Baxxi.

52. Fil-kuntest tat-tieni kontestazzjoni tagħha, u sussidjarjament, il-Kummissjoni

²⁸ — Ara l-punt 97.

ssostni li, kuntrarju għal dak li kkonkludiet il-Qorti Ġenerali, l-għoti ta' drittijiet ta' emissjonijiet negozjabbli lil numru limitat ta' impriżi li jiġi stabbilit abbażi tal-potenza tal-istabilimenti industrijali li dawn għandhom, ma jiġix iġġustifikat abbażi tal-għanijiet ambjentali tal-miżura u lanqas abbażi tan-natura jew tal-istruttura tas-sistema. F'dan ir-rigward din tirreferi għall-punti 52 u 53 tas-sentenza *Adria-Wien Pipeline*, iċċitata fil-punt 39 tal-konklużjonijiet preżenti. B'mod iktar ġenerali, din issostni, minn naħa, li huwa l-Istat Membru inkwistjoni li għandu jipprova, matul il-proċeduri amministrattivi, li l-miżura nnotifikata tiġġustifika ruħha abbażi tan-natura u tal-istruttura ġenerali tas-sistema — liema prova ma ġietx prodotta f'dan il-każ mill-Pajjiżi l-Baxxi u, min-naħa l-oħra li din il-ġustifikazzjoni, inkwantu hija eċċezzjoni għar-regola li miżura li tiffavorixxi lil ċerti impriżi tammonta għal għajjuna mill-Istat, għandha tiġi interpretata u applikata b'mod restrittiv.

natura fiskali, li anki miżuri ta' natura selettiva, peress li jintroduċu distinzjoni bejn impriżi, jistgħu jevadu l-klassifikazzjoni bħala għajjuna, fejn din id-distinzjoni tirriżulta li hija ġġustifikata min-natura jew mill-istruttura tas-sistema fiskali fejn huma inklużi dawn id-dispożizzjonijiet²⁹. B'mod iktar ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tapplika t-test previst f'din il-ġurisprudenza għal "miżuri li jintroduċu distinzjoni bejn impriżi fil-qasam tal-ispejjeż"³⁰.

54. Fil-każ inkwistjoni, fil-punt 99 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sostniet li "id-determinazzjoni ta' l-impriżi benefiċjarji hija ġustifikata min-natura u l-istruttura ġenerali ta' l-iskema minħabba l-emissjonijiet importanti tagħhom ta' NO_x u minħabba l-istandard speċifiku ta' tnaqqis li jorbothom" u li "kunsiderazzjonijiet ta' natura ekoloġika jiġġustifikaw li ssir distinzjoni bejn l-impriżi li jemmettu kwantitajiet qawwija ta' NO_x u l-impriżi l-oħra". Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, "l-implementazzjoni ta' dawn il-prinċipji għandha tiegħu in kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet magħquda ta' l-Artikoli 6 KE u 87 KE".

53. Infakkar li, abbażi tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 97 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, b'referenza partikolari għall-interventi mill-Istat ta'

29 — Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni* 173/73 (Ġabra p. 709, punt 33); tal-15 ta' Diċembru 2005, *Unicredito Italiano, C-148/04* (Ġabra p. I-11137 punt 51), u tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-88/03* (Ġabra p. I-7115, punt 52).

30 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2002, *Spanja vs Il-Kummissjoni* (C-351/98, Ġabra p. I-8031, punt 42); tal-14 ta' April 2005, *AEM u AEM Torino* (C-128/03 u C-129/03, Ġabra p. I-2861), u tat-2 ta' April 2009, *Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni* (C-431/07 P, Ġabra p. I-2665), li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali T-475/04 (Ġabra p. II-2097).

55. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali ma jikkonvinċinix. Fl-ewwel lok, ma nhosx li d-distinzjoni bejn impjanti li jniġġsu iktar jew inqas tista' titqies li hija "inerenti" fi skema li hi maħsuba sabiex tnaqqas it-tniġġis ta' oriġini industrijali u li għalhekk hija neċessarjament iġġustifikata mill-għan ambjentali tagħha. Kif ġie affermat b'mod korrett mill-Kummissjoni, mill-perspettiva tal-impatt ambjentali, kull emissjonijiet ta' NO_x hija noċiva, irrispettivament mid-dimensjoni tal-impjant minn fejn tkun ġejja³¹. Bil-kontra ta' dak iddikjarat mill-Qorti Ġenerali, distinzjoni li tkun ibbażata biss fuq kriterju kwantitattiv tat-tip bħal dak applikat għall-miżura inkwistjoni, ma tistax tkun ikkunsidrata minnha nnifisha bħala ġġustifikata minn kunsiderazzjonijiet ta' natura ekoloġika. Barra minn hekk, nirrileva li r-rinviju li sar mill-Qorti Ġenerali tad-dispożizzjonijiet magħqudin tal-Artikoli 6 u 87 KE, mingħajr preċiżazzjonijiet oħra, jirreferi għal uħud mill-motivi tas-sentenza British Aggregates, mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Settembru 2006, motivi li kienu miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja ftit xhur wara li nġhatat is-sentenza appellata³².

56. Fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' provi li l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu jipproduċi³³, dwar l-inapplikabbiltà tal-PSR għal impriżi li jkollhom stabbilimenti industrijali ta' dimensjonijiet inferjuri għal dawk stabbiliti mill-miżura inkwistjoni, ma huwiex possibbli li wieħed jikkonkludi, bħalma tagħmel il-Qorti Ġenerali, li d-distinzjoni bejn impriżi

mħaddma minn din il-miżura toriġina min-natura u mill-istruttura ġenerali tas-sistema abbażi tal-livell speċifiku ta' tnaqqis li jorbot lil uħud minnhom u mhux lil oħrajn.

57. Abbażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, insostni li anki t-tieni kontestazzjoni mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tieni lment tagħha hija fondata u li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonkludiet, fil-punti 97-100 tas-sentenza appellata, li d-distinzjoni mħaddma mill-miżura inkwistjoni bejn impriżi b'impjanti b'saħħa oġhla minn 20 MWth u impriżi b'impjanti b'saħħa inferjuri għal dan il-limitu, tista' tkun iġġustifikata minħabba n-natura u l-istruttura tas-sistema fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 iktar 'il fuq.

C — Konklużjonijiet dwar l-appell prinċipali

31 — Ara f'dan is-sens, il-punti 52 u 53 tas-sentenza Adria-Wien Pipeline, iċċitata mill-Kummissjoni.

32 — Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2006, British Aggregates vs Il-Kummissjoni, (T-210/02 Ġabra p. II-2789, b'mod partikolari l-punti 115 u 117), u s-sentenza British Aggregates, iċċitata iktar 'il fuq, punti 86 *et seq.*, b'mod partikolari l-punti 90-92.

33 — Sentenza tad-29 ta' April 2004, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (C-159/01, Ġabra p. I-4461, punt 43).

58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tilqa' t-tieni aggravju tal-appell, imressaq sussidjarjament mill-Kummissjoni, u sabiex tannulla s-sentenza appellata.

V — Dwar l-appelli inċidentali

59. Il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja ppreżentaw appell inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti Ġenerali ħadhet l-ilment imressaq fil-prim'istanza mill-Pajjiżi l-Baxxi, li hija bbażata fuq l-interpretazzjoni inkorretta min-naħa tal-Kummissjoni tal-kunċett dwar "vantaġġ finanzjat permezz ta' riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE (punti 63-78 tas-sentenza appellata).

60. L-appell tal-Ġermanja ġie ppreżentat kemm b'mod awtonomu u kemm suġġett għall-kundizzjoni li jiġi milqugħ fil-mertu l-appell prinċipali. Sal-punt li dan jikkostitwixxi aggravju awtonomu, dan għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi miċħud bħala inammissibbli. Effettivament, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li huma biss il-partijiet li jkunu totalment jew parzjalment telliefa fil-prim'istanza li jistgħu jressqu appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali³⁴. F'dan il-każ, minkejja li din tal-aħħar ħadhet, f'dik il-parti tas-sentenza li fuqha huwa bbażat l-appell inċidentali, il-motiv imressaq mill-Pajjiżi l-Baxxi, u sostnuti mill-Ġermanja, hija xorta waħda aċċettat

fl-intier tagħhom it-talbiet ippreżentati minn dawn l-Istati Membri, u annullat għal kollox id-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk ma huwiex ammissibbli li dawn l-Istati Membri jippeżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk mhux limitament fis-sens li din tal-aħħar, meta tilqa' fil-mertu l-appell prinċipali tal-Kummissjoni, terġa' tiftaħ il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni li saret mill-Qorti Ġenerali.

61. B'sostenn għall-appelli inċidentali tagħhom, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja jinvokaw aggravju wieħed, rigward ksur tal-Artikolu 87(1) KE, ifformulat f'żewġ ilmenti distinti. Fl-ewwel lok, il-miżura inkwistjoni ma tagħti *l-ebda vantaġġ* lill-impriżi li huma suġġetti għaliha u, fit-tieni lok, anki fejn tiġi vverifikata l-eżistenza ta' dan il-vantaġġ, dan ma jkunx *iffinanzjat permezz ta' riżorsi pubbliċi*. Il-Qorti Ġenerali għalhekk interpretat u applikat b'mod inkorrett il-kunċett ta' "vantaġġ" u ta' "finanzjament permezz ta' riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE.

34 — Ara s-sentenza tad-29 ta' April 2004, IPK-München u Il-Kummissjoni (Kawżi Magħqudin C-199/01 P u C-200/01 P, Ġabra p. I-4627, punt 42) u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo, ippreżentati f'din il-kawża fl-10 ta' Lulju 2003, punti 21-29. Ara wkoll id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 1998, Emesa Sugar vs Il-Kunsill (Kawża C-363/98 P(R), Ġabra p. I-8787). Fis-sentenza Procter & Gamble vs OHMI, il-Qorti tal-Ġustizzja jidher li adottat pożizzjoni differenti; madankollu, f'dak il-każ, ir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kien kiseb fil-prim'istanza l-annullament tal-att li sar l-appell dwaru abbażi ta' punt proċedurali, imressaq fil-kuntest ta' konklużjonijiet li saru sussidjarjament, filwaqt li ġie miċħud il-motiv rigward il-mertu tal-kwistjoni, imressaq b'sostenn għall-konklużjonijiet tiegħu fl-ewwel lok (sentenza tal-20 ta' Settembru 2001, C-383/99 P, Ġabra p. I-6251, punti 18-26).

A — *Fuql-ewwel ilment, dwar interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE*

62. Bl-ewwel ilment tal-aggravju uniku tal-appell, il-gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Ġermanja jikkontestaw qabel kollox il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li ssostni li n-negozjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet prevista mill-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi vantaġġ għall-impriżi. Barra minn hekk, il-Pajjiżi l-Baxxi jikkontestaw il-konklużjoni inkluża fil-punt 73 tas-sentenza appellata, fejn issostni li l-miżura inkwistjoni tippermetti lill-impriżi li jkun irmew NO_x iktar milli jippermetti l-livell stabbilit, li jevitaw il-ħlas ta' multa billi jakkwistaw drittijiet ta' emissjonijiet fis-suq.

sentenzi taġġha, interpretat b'mod wiesa' l-kunċett ta' għajna mill-Istat. L-għan ta' dan il-kunċett mhux biss li jifasslu miżuri pożittivi, bħall-ġhotjiet finanzjarji, imma anki "interventi li, taħt diversi forom, inaqsu mill-piżijiet li normalment jaffettwa il-baġit ta' impriża u li konsegwentement, bla ma jkun għajna finanzjarja fis-sens ristrett tal-kelma, ikunu tal-istess natura u jkollhom l-istess effetti"³⁶. Għal kuntrarju, miżura intiża li jiġi evitat li l-baġit ta' impriża jittaqqal bi spiża li f'ċirkustanzi normali ma kinitx teżisti ma tammontax għal għajna³⁷. Barra minn hekk, bħalma diġà kelli l-opportunità nfakkar, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 87 (1) KE ma jagħmilx distinzjoni bejn interventi tal-Istat skont il-kawża jew l-għan tagħhom, imma jiddefinixxihom skont l-effetti li jkollhom³⁸. Għalhekk il-fatt waħdu li miżura mill-Istat ssegwi għanijiet ta' politika ekonomika, strutturali, soċjali³⁹ jew ambjentali⁴⁰ ma huwiex minnu nnifsu biżżejjed sabiex titneħħa mill-klassifikazzjoni bħala għajna fis-sens tad-dispożizzjoni

1. Dwar in-negozjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjoni

63. B'mod preliminari, jeħtieġ li jiġi rrelevant, konformi mal-importanza li għandu skont id-dritt tal-Unjoni l-għan tal-istituzzjoni u taż-żamma ta' sistema ta' kompetizzjoni libera³⁵, li l-Qorti tal-Ġustizzja, sa mill-ewwel

35 — Ara *inter alia*, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2006, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, (C-308/04 P, Għabra l-5977, punt 31) u tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Ġermanja vs Kronofrance (C-75/05P u C-80/05 P, Għabra p. l-6619, punt 66).

36 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-23 ta' Frar 1961, De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja (30/59, Għabra p. l *et seq.* p. 38); tad-29 ta' Ġunju 1999, DM Transport (C-256/97, Għabra p. l-3913, punt 19), u tal-14 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-276/02, Għabra p. l-8091, punt 24).

37 — Sentenza tat-23 ta' Marzu 2006, Enirisorse (Kawża C-237/04, Għabra p. l-2843, punti 43-49).

38 — Ara sentenzi tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni (173/73, Għabra p. 709, punt 27); tas-26 ta' Settembru 1996, Franza vs Il-Kummissjoni (C-241/94, Għabra p. l-4551, punt 20), u tat-13 ta' Ġunju 2002, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (C-382/99, Għabra p. l-5163, punt 61).

39 — Ara s-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1980, Denkvit italiana (Kawża 61/79, Għabra p. 1205, punt 31); Il-Kummissjoni vs L-Italja, Kawża 173/73, iċċitata iktar 'il fuq, punt 13, b'referenza għal miżuri intiżi sabiex isostnu l-impjegji fis-settur tat-tessuti, u tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Belġu vs Il-Kummissjoni, (C-5/01, Għabra p. l-11991, punt 46), rigward il-miżuri ta' finanzjament għat-tnaqqis tas-sigħat tax-xogħol tal-impjegati ta' impriża suġġetti għal tariffa kollettiva.

40 — Ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja British Aggregates vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48.

msemija⁴¹. B'mod iktar ġenerali, kif ġie enfaszjat mill-Avukat Ġenerali Leger fil-kawża Altmark⁴², il-fatturi karatteristiċi tal-miżura — bħall-forma li biha tingħata l-ġhajnuna, l-istat legali tal-miżura skont id-dritt nazzjonali, li din tkun tiffirma parti minn skema ta' ġhajnuna, l-għanijiet tagħha, u l-intenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-impriża benefiċjarja — ma humiex rilevanti fil-fażi meta tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ġhajnuna, peress li dawn ma jistgħux ikollhom effett fuq il-kompetizzjoni. Madankollu, dawn jistgħu jsiru rilevanti f'fażi suċċessiva tal-analiżi, sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-ġhajnuna fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jidderogaw mit-Trattat.

dawn id-drittijiet jiġi stabbilit mill-operaturi interessati u jiddependi esklużivament mill-kwantitajiet ta' drittijiet disponibbli fis-suq. Barra minn hekk, il-Gvern Ġermaniż josserva li dan il-valur jista' jkun ukoll ugwali għal zero, fejn l-impriżi kollha tas-sistema josservaw il-limiti ta' emissjonijiet imposti fuqhom. Fi kwalunkwe każ, skont dan il-Gvern, provvista li tikkonsisti fi kontropartita abbażi tal-prezz tas-suq ma tagħti ebda vantaġġ u ma tammontax għal ġhajnuna mill-Istat.

64. Huwa abbażi, b'mod partikolari, ta' dawn il-prinċipji li jeħtieġ li jiġu eżaminati l-argumenti mressqa mill-Pajjiżi L-Baxxi u mill-Ġermanja. Insostenn tal-argument li n-negożjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet ma tagħti l-ebda vantaġġ lill-impriżi li huma suġġetti għall-miżura inkwistjoni, l-imsemija Stati Membri jsostnu qabel kollox li dawn l-impriżi jistgħu jbigħu d-drittijiet tagħhom ta' emissjonijiet fil-każ biss u fil-limiti li bihom, bis-saħħa tal-investimenti li jkunu għamlu, jirnexxilhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' NO_x f'ammont iktar għoli mil-livell stabbilit. Għalhekk, il-kwantità ta' drittijiet ta' emissjonijiet li huma jistgħu jinnegożjaw ma tistax tiġi stabbilita minn qabel iżda tiddependi biss minn dan it-tnaqqis supplimentari. Barra minn hekk, il-valur ta'

65. Dawn l-argumenti għandhom l-għan, minn naħa, li ssir diskussjoni dwar *ir-responsabbiltà tal-Istat* għal dan il-vantaġġ preżunt magħmul min-negożjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet u, min-naħa l-oħra li jqiegħdu fid-dubju *l-eżistenza nnifisha ta' dan il-vantaġġ*, billi jikklassifikawh bħala wieħed purament teoretiku. Fil-fehma tiegħi, dawn għandhom jiġu miċħuda fiż-żewġ istanzi.

66. Fl-ewwel istanza, nirrileva li l-forma li permezz tagħha jseħħ intervent mill-Istat hija rrilevanti għall-iskopijiet tal-klassifikazzjoni tiegħu bħala ġhajnuna; anki miżura li tagħti vantaġġ purament indirett lill-impriża benefiċjarja, billi jitħaffu l-piżijiet li normalment iħallu effett fuq il-baġit tagħha, tista' tammonta għal ġhajnuna fis-sens

41 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni, C-241/94, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21; tad-29 ta' April 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-342/96, Ġabra p. 1-2459, punt 23), kif ukoll tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-75/87, Ġabra p. 1-3671, punt 25).

42 — Konklużjonijiet ippreżentati fl-14 ta' Jannar 2003, Altmark Trans et Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, Ġabra p. 1-7747, punt 81).

tal-Artikolu 107 (1) TFUE. Barra minn hekk, l-imputabbiltà lill-Istat tal-vantaġġ li joriġina minn intervent pubbliku ma jkunx assenti għall-fatt waħdu li, sabiex jintlaħaq dak il-vantaġġ, l-impriża benefiċjarja, tkun obbligata li ġġib ruħha b'ċertu mod⁴³. Fil-każ inkwistjoni mbagħad, irrISPettivament minn kull kunsiderazzjoni oħra rigward l-imġiba mitluba mill-impriżi li huma marbuta bil-miżura inkwistjoni, huwa evidenti li jekk in-negozjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet ta' NO_x tagħtihom xi vantaġġ, dan jiddependi qabel kollox mill-fatt li l-Istat, minn naħa, jawtorizza l-bejgħ ta' dawn id-drittijiet u, min-naħa l-oħra, jippermetti lill-impriżi li rmew NO_x iktar milli suppost li jixtru drittijiet ta' emissjonijiet mhux użati minn impriżi oħrajn fis-sistema, u b'hekk ikun possibbli li jkun hemm suq ta' dawn id-drittijiet. Għalhekk, kif ġie rrilevat b'mod korrett fil-punt 70 tas-sentenza appellata, vantaġġ bħal dan, fejn jiġi kkonfermat, ikun riżultat tal-intervent tal-Istat, minkejja li dan tal-aħħar ma jkun ta b'mod dirett ebda drittijiet ta' emissjonijiet lill-impriżi inkwistjoni.

67. Taħt dan it-tieni aspeċt, il-fatt li, fil-preżenza ta' ċerti ċirkustanzi speċifiċi, il-vantaġġ marbut ma' intervent statali speċifiku jista' ma jikkonkretizzax ruħu f'benefiċċju reali għall-impriża inkwistjoni — kif ikun il-każ fejn l-impriżi parteċipanti kollha jillimitaw irwiehom sabiex josservaw il-limiti ta' emissjonijiet imposti fuqhom — ma

43 — L-għoti ta' inċentivi ħafna drabi jkollu l-għan, proprju li jhajar l-impriżi sabiex iġibu ruħhom b'ċertu mod, konformi ma' għanijiet speċifiċi, bħal pereżempju ta' politika ekonomika, soċjali jew ambjentali, li jiġu segwiti mill-Istat.

jippermettix fil-fehma tiegħi, li jiġi eskluż *ipso facto* li dan jittieħed inkunsiderazzjoni għall-iskopijiet ta' klassifikazzjoni tal-intervent bħala għajnuna. Għalhekk, f'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi rrilevat, minn banda, li s-sistema maħluqa mill-miżura inkwistjoni hija intiża sabiex tirregola t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' NO_x fis-settur industrijali għal diversi snin, u, min-naħa l-oħra, li, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 71 tas-sentenza appellata, l-impriżi li jiffirmaw parti minn din is-sistema għandhom il-possibbiltà li jinnegozjaw id-drittijiet ta' emissjonijiet kollha u mhux biss dawk li jkunu għaddispożizzjoni tagħhom, fl-aħħar tas-sena, bid-differenza pożittiva bejn l-emissjonijiet li jkun saru u l-emissjonijiet li jkunu ġew awtorizzati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ipoteżi li ġiet ifformulata mill-Gvern Ġermaniż, fil-prattika, hija destinata li tibqa' marġinali.

68. Il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja jostnu wkoll li s-sistema ta' drittijiet negozjabbli għandha l-għan li *tikkumpensa* l-ispejjeż sostnuti mill-impriżi sabiex inaqqsu l-emissjonijiet jew, alternattivament, sabiex jakkwistaw id-drittijiet neċessarji sabiex josservaw l-limiti stabbiliti. Din is-sistema ma twassalx sabiex tnaqqas l-ispejjeż li normalment huwa mgħobbi bihom il-baġit tal-impriżi inkwistjoni, u ma tagħtihom l-ebda vantaġġ, imma dan irid jitqabbel mal-limiti ta' emissjonijiet iktar ristretti li huma imposti bil-miżura inkwistjoni. Fl-aħħar nett, il-Gvern Ġermaniż josserva li, kuntrarju għal dak li ġie kkonstatat mill-Qorti Ġenerali, lanqas il-funzjoni ta' kreditu mogħtija lid-drittijiet ta' emissjonijiet ma tippermetti

li wieħed jikkonkludi dwar l-eżistenza ta' vantaġġ favur l-impriżi li jiffirmaw parti mis-sistema.

69. Insostni li anki dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda.

70. Preliminarjament, infakkar li l-eżistenza ta' għajna ma hijiex, fil-prinċipju, eskluża fil-każ meta l-miżura inkwistjoni tkun maħsuba sabiex tikkompensa żvantaġġi jew spejjeż addizzjonali li jolqtu lill-impriżi inkwistjoni sussegwenti għal ċirkustanzi ekonomiċi negattivi, interventi legislativi⁴⁴

44 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Italja, Kawża 173/73, iċċitata iktar 'il fuq, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kien jammonta għal għajna t-tnaqqis tal-piżijiet tas-sigurtà soċjali mogħti mir-Repubblika Taljana lis-settur tat-tessuti minkejja li kien maħsub sabiex jikkompensa għall-iżvantaġġ li s-sistema tal-finanzjament tal-benefiċċji għall-familji li kien introdott qabel kien joħloq għas-setturi b'perċentwali għoli ta' ħaddiema nisa; tas-7 ta' Ġunju 1988, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (57/86, Għabra p. 2855), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ħadhet l-argument tal-Gvern Grieg li jostni li r-rimbors tal-interessi mogħti lill-esportaturi kellu effett newtrali, peress li kien limitat sabiex jannulla l-effetti negattivi taż-Żieda tat-taxxi għal dawn l-operaturi, u ma kienx jagħtihom l-ebda vantaġġ supplimentari; u tal-5 ta' Ottubru 1999, Franza vs Il-Kummissjoni (Kawża C-251/97, Għabra p. I-6639), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ħadhet l-argument tal-Gvern Franċiż li sostna li t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet soċjali inkwistjoni ma kien xejn ħliet kumpens għall-ispejjeż addizzjonali eċċezzjonali li l-impriżi aċċettaw li jħallsu wara li ġew negoziati l-ftehim kollettiv u li, fi kwalunkwe każ, meta jitqiesu dawn l-ispejjeż addizzjonali, il-miżuri inkwistjoni rriżultaw li kienu newtrali mil-lat finanzjarju.

jew tibdil fil-qafas regulatorju applikabbli għal dawn l-imprizi⁴⁵.

71. B'din il-premessa, nirrileva li, skont ma ġie kkonstatat mill-istess Pajjiżi l-Baxxi, l-impriżi li jkunu għamlu investimenti sabiex inaqqsu l-emissjonijiet ta' NO_x taħt il-limitu li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-PSR jistgħu, billi jbigħu fuq is-suq id-drittijiet relattivi ta' emissjoni, jirkupraw, anki jekk biss parzjalment, l-ispejjeż marbuta ma' dawk l-investimenti. Min-naħa tagħhom, l-impriżi li ma jirnexx ilhomx josservaw dawn il-limiti jistgħu jagħżlu li jinvestu f'miżuri maħsuba sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-impjanti tagħhom jew jistgħu jixtru d-drittijiet ta' emissjonijiet neċessarji mis-suq. Kif l-istess aġent tal-Pajjiżi l-Baxxi enfasizza waqt is-seduta, din l-għażla tiddependi b'mod partikolari fuq id-differenza bejn l-ispejjeż sabiex jinxtraw id-drittijiet ta' emissjoni, li jvarjaw skont l-andament tas-suq, u dawk li huma meħtieġa sabiex jiffinanzjaw l-interventi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' NO_x. Fiż-żewġ każijiet, l-impriżi li jiffirmaw parti mis-sistema jistgħu għalhekk, b'effett tan-negozjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet awtorizzata mill-Pajjiżi l-Baxxi, inaqqsu, b'mod li xi ftit jew wisq ivarja, l-ispejjeż marbuta mal-investimenti ambjentali jew li b'xi mod ieħor jirriżultaw mill-osservanza tal-obbligi ambjentali, li normalment huma

45 — Fir-rigward tal-għajna maħsuba sabiex tikkompensaw għall-ispejjeż li ma setgħux jiġu rkuprati mis-setturi liberalizzati, għajr għall-applikazzjoni eventwali tal-ġurisprudenza Altmark, sentenza ċċitata hawn fuq, dwar is-suġġett tal-kompens tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-osservanza tal-obbligi ta' servizz pubbliku, ara pereżempju s-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, Għabra p. I-5497).

ta' piż fuq il-baġit tagħhom⁴⁶. Il-possibilità ta' tnaqqis bħal dan tammonta għal vantaġġ għal dawn l-impriżi. B'mod iktar ġenerali, kif urew il-Pajjiżi l-Baxxi fit-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali, fis-sistema ta' skambju ta' drittijiet ta' NO_x, l-impriżi "stess jiddeċiedu il-mod kif josservaw ir-regolamenti dwar l-emissjonijiet li ġew imposti". Din is-sistema tippermetti, barra minn hekk, li jinqasmu fi ħdan il-grupp ta' 250 impriżi inkwistjoni l-ispejjeż totali sabiex jikkonformaw ma' dawk ir-regolamenti, b'vantaġġ kemm għall-impriżi li l-ispejjeż tagħhom sabiex inaqqsu l-emissjonijiet huma baxxi, li jistgħu jikkonvertu fi flus it-tnaqqis taħt il-limiti stabbiliti bir-regolamenti, kif ukoll għall-impriżi li għalihom l-ispejjeż huma iktar għoljin, li jiddisponu minn alternattiva għall-interventi strutturali meħtieġa sabiex jiġu osservati r-regolamenti.

72. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-argument tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Ġermanja, li jsostnu li

46 — F'dan ir-rigward, infakkar li, abbażi tal-prinċipju li "min iniegħes iħallas", li bis-saħħa tal-Artikolu 191 TFUE, jiffirma wieħed mill-prinċipji kardinali tal-politika ambjentali tal-Unjoni Ewropea, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ispejjeż sabiex jiġu kkompensati d-danni konnessi mat-tniġġis jaqgħu fuq l-operaturi b'mod li jikkorrispondi mal-kontribut tagħhom sabiex seħħ it-tniġġis jew mar-riskju tat-tniġġis (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et*, Kawża C-378/08, Ġabra p. l-1919, punt 56). Għalhekk dawn l-ispejjeż għandhom jiġu kkunsidrati bħala spejjeż li *normalment huma ta' piż fuq il-baġit* tal-impriżi li l-attività tagħhom għandha impatt negattiv fuq l-ambjent u li ma humiex xi piż eċċezzjonali għal dawk l-impriżi.

n-negożjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet trid titqiegħed fil-kuntest tal-għanijiet l-iktar stretti imposti fuq l-impriżi inkwistjoni għal dak li huwa tnaqqis ta' emissjonijiet ta' NO_x, ma hijiex rilevanti. Sa fejn dan l-argument għandu l-għan li jiġġustifika l-vantaġġi marbuta man-negożjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet deskritti hawn fuq permezz tar-riferiment għall-għanijiet ambjentali segwiti mill-miżura inkwistjoni, din għandha tiġi miċħuda abbażi tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fil-punt 63 iktar 'il fuq, li ssostni li l-Artikolu 87(1) KE ma jiddistingwix bejn l-interventi tal-lstat skont il-kawża u l-iskop tagħhom, imma tiddefinixxihom biss abbażi tal-effetti tagħhom.

73. Bl-istess mod għandu jiġi miċħud l-argument, invokat mill-Gvern Ġermaniż u sostnut mill-ġdid waqt is-seduta mill-aġent tal-Pajjiżi l-Baxxi, li jsostni li n-negożjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjonijiet tikkostitwixxi kontropartita, bil-prezz tas-suq, għall-isforzi magħmula mill-impriżi sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' NO_x. Fil-fatt, kif għadu kif ġie sostnut, l-ispejjeż sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet, anki meta jkunu mmirati sabiex inaqqsu dawn tal-aħħar taħt il-limitu mogħti mil-liġi lil impriża partikolari, jidħlu fl-ispejjeż li normalment huma ta' piż fuq il-baġit ta' impriża, u tnaqqis bħal dan ma jstax ikun ikkunsidrat bħala "servizz" li għalih in-negożjabbiltà tiffirma kontropartita bil-prezz tas-suq. Għalkemm il-mekkaniżmu ta' kumpens fi ħdan is-sistema ta' skambju ta'

drittijiet ta' emissjonijiet maħluq mill-miżura inkwistjoni jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tiegħu mas-suq intern⁴⁷, dan madankollu ma huwiex rilevanti peress illi dak li qed jiġi kkunsidrat huwa jekk din il-miżura tagħtix lill-impriżi li huma suġġetti għaliha vantaġġ li jista' jikkostitwixxi għajjnuna fis-sens tal-Artiklolu 87 (1) KE.

74. Fl-aħħar nett, għandu jingħad ukoll, kif ġie spjegat iktar 'il fuq, li l-impriżi suġġetti għall-miżura inkwistjoni għandhom il-possibbiltà, sa ċertu limitu, li jinneogzjaw id-drittijiet ta' emissjonijiet kollha u mhux biss dawk li jkunu disponibbli għalihom, fl-aħħar tas-sena, mid-differenza pożittiva bejn emissjonijiet li saru u emissjonijiet awtorizzati. Dan jagħtihom il-vantaġġ l-ieħor li jista' jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom likwidità billi jbiegħu drittijiet ta' emissjonijiet qabel ma jkunu twettqu l-kundizzjonijiet sabiex jiġu assenjati b'mod definittiv.

2. Dwar il-possibbiltà li tiġi evitata l-multa

75. Il-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonstatat, fil-punt 73 tas-sentenza appellata, li l-miżura inkwistjoni tagħti vantaġġ lill-impriżi li rmew iktar NO_x mil-limitu ta' emissjonijiet stabbilit,

għaliex dan jagħtihom il-possibbiltà li jevitaw l-impożizzjoni ta' multa billi jixtru drittijiet ta' emissjonijiet mill-impriżi li jkollhom eċċess.

76. Insostenn tal-argument tagħhom, huma essenzjalment isostnu li l-ħlas ta' multa ma jeżonerax l-impriżi mill-akkwist ta' drittijiet ta' emissjonijiet li jkollhom neqsin u, konsegwentement, għal dawn tal-aħħar, din ma tammontax għal alternattiva reali. Ngħid minnufih li dan l-argument, anki meta wieħed ikollu jikkunsidra li jsostni li kien hemm żball fil-liġi u mingħajr ma jikkontesta l-evalwazzjonijiet ta' fatt inklużi fis-sentenza appellata, fil-fehma tiegħi huwa rrilevanti, peress li ma jippermettix li tiġi kontradetta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, li ssostni li bix-xiri ta' drittijiet ta' emissjonijiet li jkunu neqsin qabel l-aħħar tas-sena, l-impriżi li jkunu ssuperaw il-limitu ta' emissjonijiet jevitaw l-impożizzjoni tal-multa.

77. Min-naħa l-oħra, lanqas ma wieħed jista' jsostni, kif jidher li jagħmlu l-Pajjiżi l-Baxxi, li din il-konklużjoni ma tqisx il-fatt li l-imġiba sanzjonabbli tikkonsisti fin-nuqqas ta' osservanza ta' żewġ kundizzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati b'mod kumulattiv: li jinqabeż il-limitu stabbilit u fin-nuqqas li ma jiġux mixtrija d-drittijiet ta' emissjoni. Fil-fatt dan l-argument għandu d-difett ta' formaliżmu eċċessiv. Bil-kontra ta' impriża li hija eskluża mis-sistema ta' skambju ta' drittijiet ta' emissjonijiet maħluqa bil-miżura inkwistjoni, li hija obligata li tosserva l-limiti ta' emissjonijiet imposti jew li tħallas

47 — Ara l-punt 3.3 tad-Deċiżjoni.

multa⁴⁸, l-impriżi li jiformaw parti minn din is-sistema, li jeċċedu l-limitu stabbilit, għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom alternattiva għas-sanzjoni. Kuntrarju għal dak li jidher li qegħdin isostnu l-Pajjiżi l-Baxxi, din l-alternattiva hija reali. Dawn l-impriżi jistgħu, fil-fatt, fl-aħħar ta' kull sena jiddeċiedu jekk jixtrux minnufih id-drittijiet li jonqoshom, jew li jħallsu l-multa u jakkwistawhom f'xi mument suċċessiv⁴⁹. Dawn imorru għall-ewwel għażla, meta skont il-valur tad-drittijiet ta' emissjonijiet fis-suq, ikun iktar ta' vantaġġ għalihom li jixtru d-drittijiet li jkun jonqoshom pjuttost milli jħallsu l-multa. Imorru, minflok, għat-tieni għażla jew meta jikkalkolaw li l-valur tad-drittijiet fis-suq se jonqos b'tali mod li jagħmilha iktar vantaġġjuż għalihom li jipposponu x-xiri minkejja li dan jimplika l-ħlas ta' multa, jew ladarba jikkunsidraw li fis-sena ta' wara, bis-saħħa ta' investimenti li jkunu għamli jew li jkunu se jagħmlu, jista' jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom eċċess ta' drittijiet ta' emissjonijiet b'mod tali li jkun jikkumpensa għal dawk li jkunu nieqsa fis-sena kurrenti (inkluż it-tnaqqis addizzjonali ta' 25% li se jiġi mpost fuqhom).

78. Għalhekk insostni li l-argumenti mressqa mill-Pajjiżi l-Baxxi ma jippermettux li wieħed

48 — Waqt is-seduta, il-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li l-impriżi suġġetti għall-miżura kkontestata huma responsabbli għal madwar 90% tal-emissjonijiet industrijali ta' NO_x u li l-impriżi responsabbli għall-10% li jibqa' huma suġġetti għal limiti ta' emissjonijiet, flimkien ma' sanzjonijiet f'każ li jinqabeż il-limitu.

49 — Ara t-tweġiba tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-mistoqsijiet bil-miktub li saru mill-Qorti Ġenerali.

jikkonkludi li l-punt 73 tas-sentenza appellata huwa vvizjat bi żball fil-liġi.

3. Konklużjonijiet dwar l-ewwel ilment

79. Abbażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel ilment, rigward interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi rrifutjat.

B — Dwar it-tieni lment, rigward interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "finanzjament permezz ta' riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 87(1)(KE)

80. Bit-tieni lment, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja jkkontestaw il-konklużjoni, inkluża fil-punti 75-77 tas-sentenza appellata, fejn jingħad li l-vantaġġi mogħtija bil-miżura inkwistjoni huma ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat.

81. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali essenzjalment kkonstatat li, meta qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-impriżi inkwistjoni

d-drittijiet ta' emissjonijiet ta' NO_x bla ħlas, minflok ma bigħuhom jew irkantawhom u ppermettew lill-impriżi li rmew NO_x iktar milli suppost li jevitaw il-ħlas tal-multa billi jixtru mis-suq id-drittijiet ta' emissjonijiet li kien jonqoshom, il-Pajjiżi L-Baxxi kienu rrinunzjaw għal riżorsi tal-Istat. Hija bbażat ruħha fuq ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li abbażi tagħha anki r-rinunzja min-naħa tal-Istat li jirċievi introjtu, anki jekk ma hemm l-ebda trasferiment ta' riżorsi pubbliċi, jista' jammonta għal għajnuna⁵⁰. Abbażi ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżit tal-finanzjament permezz ta' riżorsi tal-Istat eżenzjoni jew tnaqqis fiskali⁵¹, krediti ta' taxxi, u, taħt kundizzjonijiet partikolari, faċilitajiet ta' ħlas għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mogħtija b'mod diskrezzjonali lil impriża mill-enti responsabbli mill-ġbir tagħhom⁵², il-provvista ta' oġġetti jew servizzi taħt kundizzjonijiet preferenzjali⁵³, ir-rinunzja effettiva għal krediti pubbliċi jew eżenzjoni mill-obbligu ta' ħlas ta' multi jew sanzjonijiet pekunjarji oħrajn⁵⁴.

82. Insostenn tal-ilment tagħhom il-Pajjiżi L-Baxxi qabel kollox jirrivevaw li huma llimitaw rwieħhom li "joħolqu qafas leġiżlattiv sabiex inaqqsu l-emissjonijiet ta' NO_x b'mod

50 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España (C-387/92, Ġabra p. 1-877, punt 14), tad-19 ta' Mejju 1999, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-6/97, Ġabra p. 1-2981, punt 16).

51 — Ara s-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-156/98, Garba p. 1-6857, punti 26 u 27), Banco Exterior de España, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14, u L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-6/97, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16.

52 — Sentenza DM Transport, iċċitata iktar 'il fuq.

53 — Sentenza tal-11 ta' Lulju 1996, SFEI *et* (C-39/94, Ġabra p. 1-3547, punt 59).

54 — Sentenza Piaggio, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41.

vantaġġjuż għall-impriżi li għandhom impjanti industrijali kbar". Huma jenfasizzaw li d-drittijiet ta' emissjonijiet li jistgħu jiġu nnegożjati jinħalqu direttament minn dawn l-impriżi u l-valur tagħhom huwa stabbilit mis-suq. Sistema bħal din tippermetti li l-impriżi "jikkumpensaw" bejniethom l-emissjonijiet eċċessivi u li ma jikkonformawx mar-regolamenti imposti. Peress li dawn l-argumenti huma essenzjalment intiżi li jikkontestaw l-imputabbiltà għall-Istat tal-vantaġġi li joħorġu min-negożjabbiltà tad-drittijiet ta' emissjoni, f'dan ir-rigward nillimita ruħi li nagħmel referenza għall-punti 66 *et seq* iktar 'il fuq, fejn dan l-aspett diġà ġie diskuss⁵⁵.

83. Barra minn hekk, il-Pajjiżi L-Baxxi josservaw li l-alternattiva indikata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, jiġifieri l-bejgħ jew l-irkantar tad-drittijiet ta' emissjonijiet min-naħa tal-Istat, kienet tirriżulta f'piż għall-impriżi li diġà għandhom imposti fuqhom miri rigorużi għat-tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet u fi kwalunkwe każ kienet tkun inkompatibbli mas-sistema li hija fis-seħħ. Fil-fekma tiegħi dan l-argument ma jistax jirnexxi. Fil-fatt, kunsiderazzjonijiet rigward l-eżiġenza li tiġi ppreżervata l-koerenza tas-sistema u l-effett tagħha bħala inċentiv, kif ukoll b'mod ġenerali, l-għan ambjentali tagħha, filwaqt li jistgħu jsiru

55 — Fir-rigward ta' dak li diġà għidt, inqid li, fis-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 26-27, il-Qorti tal-Ġustizzja eskudiet li l-konnessjoni eżistenti bejn eżenzjoni fiskali għax-xiri ta' ishma f'impriżi speċifiċi u l-benefiċċju indirett favur dawn l-impriżi tista' ma tkunx preżenti għas-sempliċi fatt li l-kisba ta' dan il-benefiċċju kienet tiddependi fuq deċiżjoni awtonoma tal-investituri.

rilevanti fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq intern, huma rilevanti għall-iskop li jiġi stabbilit jekk il-vantaġġi li din taġhti lill-impriżi kkonċernati humiex iffinanzjati permezz ta' riżorsi pubbliċi. Għalhekk, għalkemm huwa veru li l-impożizzjoni fuq l-impriżi kkonċernati ta' għanijiet dwar tnaqqis tal-emissjonijiet partikolarment rigorużi, minn naħa, u l-għoti lil dawn l-impriżi ta' drittijiet ta' emissjonijiet negozjabbli, min-naħa l-oħra, jiffurmaw aspetti ta' sistema waħda, dawn jistgħu madankollu jiġu kkunsidrati separatament fl-evalwazzjoni ta' jekk din is-sistema timplikax li jkun hemm elementi ta' għajjuna⁵⁶.

tal-Ġustizzja, li d-dritt Komunitarju ma jistipulax dan l-obbligu, u lanqas ma jimponi fuq l-Istati Membri li jdaħħlu fis-seħħ sistema partikolari sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' NO_x stabbiliti bid-Direttiva 2001/81. L-Istati Membri huma essenzjalment liberi li jadottaw sistema tradizzjonali, ibbażata fuq l-impożizzjoni ta' teknoloġiji jew li jiġu stabbiliti limiti massimi ta' emissjoni, flimkien ma' sanzjonijiet fil-każ ta' ksur, jew strument ta' regolamentazzjoni bbażat fuq il-mekkaniżmu tas-suq, permezz tal-ħolqien ta' sistema ta' drittijiet ta' emissjonijiet negozjabbli, jew anki, bħal fil-każ tal-Pajjiżi l-Baxxi, li jiġu kkombinati ż-żewġ possibbiltajiet. Fil-każ li tintgħażel sistema ta' drittijiet negozjabbli, l-Istati Membri jkunu liberi li jagħżlu bejn l-għoti bla ħlas ta' dawn id-drittijiet (hekk imsejħa grandfathering) jew il-bejgħ jew l-irkantar tagħhom.

84. Fil-fehma tiegħi, huwa iktar b'saħħtu l-argument imressaq mill-Gvern Ġermaniż, fejn josserva li d-dritt Komunitarju ma jimponi fuq l-Istati Membri li jbigħu jew jirkantaw id-drittijiet ta' emissjonijiet ta' tniġġis atmosferiku, iżda jħallihom liberi li jagħżlu jekk dawn jingħatawx bi ħlas jew b'xejn.

86. Fil-fehma tiegħi madankollu din il-libertà ma teskludix il-possibbiltà li l-interventi maħsuba sabiex jattwaw l-għażla magħżula jkunu jinkludu elementi ta' għajjuna mill-Istat, bl-istess mod li l-modalitajiet kif tiġi attwata skema fiskali jistgħu jimplikaw l-għoti ta' għajjuna, għalkemm, fin-nuqqas ta' obbligi Komunitarji speċifiċi, fil-prinċipju l-Istati huma liberi li jiddeċiedu jekk jagħmlux jew le użu mill-inċentivi fiskali u ma humiex obbligati li jiksbu introjtu mit-taxxi f'ammont stabbilit.

85. Huwa minnu, kif ġie rikonoxxut mill-istess Kummissjoni kemm fil-prim'istanza, u anki waqt is-seduta quddiem il-Qorti

87. F'dan il-każ, jien pjuttost inklinat li nikkunsidra li, ladarba Stat Membru jawtorizza, jew anzi jinċentiva l-ħolqien ta' suq ta' drittijiet ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-atmosfera, u jagħti, b'mod konkret, lil dawn id-drittijiet in-natura ta' beni immaterjali negozjabbli, il-fatt li dawn

56 — Dwar is-separabbiltà tal-aspetti differenti ta' miżura tal-Istat għall-iskopijiet tal-analiżi tal-kompatibbiltà tagħha mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajjuna mill-Istat, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-22 ta' Marzu 1977, Iannelli & Volpi (74/76, Ġabra p. 557, punti 14-17).

tal-aħħar jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-impriżi li joperaw f'dak is-suq, direttament jew indirettament, mingħajr ħlas, dan jammonta għal "rinunzja ta' rizersi pubbliċi" fuq il-mudell tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 81 iktar 'il fuq.

88. Fil-fehma tiegħi, l-argumenti li l-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja jinwokaw kontra din il-konklużjoni ma humiex konvinċenti.

89. Qabel kollox, dawn il-gvernijiet jiċċdu li, f'dan il-każ, hemm għoti ta' drittijiet ta' emissjonijiet mingħand l-Istat, ladarba dawn id-drittijiet ikunu r-riżultat tal-imġiba tal-impriżi u tal-investimenti magħmulin minnhom bl-iskop li jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom. Dan l-argument ma jreġix għall-eżami tal-fatti, li minnhom jirriżulta li għalkemm l-Istat ma jipproċedix għal għoti vera u proprja ta' dawn id-drittijiet, huwa xorta jqegħidhom għad-dispożizzjoni tal-impriżi li jipparteċipaw fis-sistema. F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li, skont ma ġie vverifikat mill-Qorti Ġenerali⁵⁷, id-drittijiet ta' emissjonijiet jistgħu jiġu nnegozjati f'kull mument, jiġifieri anki qabel ma jtwettqu l-kundizzjonijiet għall-ħolqien tagħhom (tnaqqis tal-emissjonijiet taħt il-limitu impost). Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mir-risposti tal-Pajjiżi l-Baxxi għad-domandi bil-miktub li saru mill-Qorti Ġenerali, fil-fażi tal-bidu tas-sistema ta' skambju inkwistjoni, l-Istat ma llimitax ruħu

li jawtorizza n-negozjar ta' dawn id-drittijiet, u mbagħad ħalla kollox għall-mekkaniżmu tas-suq sabiex tiġi stabbilita l-kwantità u l-valur tad-drittijiet disponibbli għall-iskambju, iżda stabbilixxa l-limitu massimu ta' emissjonijiet f'livell intenzjonalment baxx, b'mod li jippermetti lill-parti l-kbira tal-impriżi li jiddisponu minn numru suffiċjenti ta' krediti sabiex jiġu skambjati u li jippermetti li jiġi stabbilit il-valur tad-drittijiet f'livell vantaġġjuż għal dawn l-impriżi.

90. Barra minn hekk, il-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Ġermanja josservaw li d-drittijiet ta' emissjonijiet inkwistjoni ma għandhomx valur fil-mument li dawn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-impriżi, u jakkwistaw valur effettiv biss ladarba jitqiegħdu fis-suq. Ċirkustanza bħal din ma hijiex ta' natura deċiżiva. Fil-fatt, dak li jgħodd għall-iskopijiet sabiex jiġi vverifikat jekk l-Istat ikunx irrinunzja għal introjtu meta jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-impriżi dawn id-drittijiet bla ħlas, hija l-*idoneità* tagħhom stess li jikkostitwixxu oġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali u li jiksbu valur fis-suq. Barra minn hekk, kif ġie enfasizzat b'mod korrett mill-Kummissjoni, peress li d-drittijiet ta' emissjonijiet jistgħu jiġu nnegozjati f'kull mument, jirriżulta li jkun artifiċjali li tiġi separata l-fażi ta' meta jitqiegħed għad-dispożizzjoni d-dritt minn dik tan-negozjar tal-istess dritt.

57 — Fil-punt 71 tas-sentenza appellata wieħed jaqra li "kull pussessor ta' permess ta' emissjonijiet kellu kont fir-reġistru tal-emissjonijiet tal-NO_x u seta' jbigħ id-drittijiet kollha relattivi għas-snin li għalihom kien ġie stabbilit limitu, inklużi s-snin futuri".

91. Il-possibbiltà mogħtija mis-sistema ta' negozjar ta' drittijiet li jkun għadhom ma nħolqux, fil-fatt tneħħi l-bażi anki

tal-argument imressaq mill-Gvern Ġermaniż, li jsostni li l-impriżi li jarmu inqas NO_x mill-limitu applikabbli għalihom jakkwistaw fir-rigward tal-Istat dritt li jiksbu ċertifikat korrispondenti, dritt li jeskludi l-fakultà li l-Istat jeżiġi prezz jew li jirkanta dan iċ-ċertifikat.

92. Fl-aħħar nett, il-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Ġermanja jisiltu punti favur l-argument tagħhom mix-xebh preżunt bejn il-kwistjoni preżenti u dik li hija s-suġġett tal-kawża li wasslet għas-sentenza *PreussenElektra*⁵⁸. Anki dawn l-argumenti għandhom fil-fehma tiegħi jiġu kumplessivament miċħuda. Fis-sentenza *PreussenElektra*, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet li kienet tammonta għal għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 (1) KE, leġislazzjoni nazzjonali li minn naħa, kienet timponi fuq l-impriżi privati fornituri tal-enerġija elettrika obbligu li jakkwistaw enerġija elettrika prodotta minn sorsi rinnovabbli bi prezzijiet minimi li huma

ogħla mill-valur ekonomiku ta' dik it-tip ta' enerġija u, min-naħa l-oħra, qasmet il-piż finanzjarju li jirriżulta minn dan l-obbligu bejn l-impriżi fornituri u l-amministraturi ta' netwerks privati tal-enerġija elettrika li jinsabu f'pożizzjoni upstream. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fin-nuqqas ta' trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat, il-fatt li din il-leġislazzjoni tagħti vantaġġ ekonomiku indiskuss lill-impriżi produttori tal-enerġija elettrika miksuba minn sorsi rinnovabbli u li dan il-vantaġġ ikun il-konsegwenza tal-intervent ta' poteri pubbliċi, ma kienx biżżejjed sabiex jikkwalifika l-miżura inkwistjoni bħala għajjnuna mill-Istat⁵⁹. B'mod partikolari, fil-punt 62, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ċ-ċirkustanza li l-piż finanzjarju li jirriżulta mill-obbligu tal-akkwist bi prezzijiet minimi jista' jkollu riperkussjonijiet negattivi fuq ir-riżultati ekonomiċi tal-impriżi suġġetti għal dan l-obbligu, u għalhekk jikkawża tnaqqis fid-dħul mit-taxxi tal-Istat, kienet tikkostitwixxi "konsegwenza inerenti ta' regolamentazzjoni ta' dan it-tip u mhux (...) mezz biex il-produtturi tal-enerġija elettrika minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jingħataw vantaġġ ekonomiku għas-spejjeż tal-Istat". Issa, fil-każ inkwistjoni, it-tqegħid għad-dispożizzjoni bla ħlas ta' drittijiet negozjabbli favur l-impriżi kkonċernati u r-rinunzja sussegwenti min-naħa tal-Istat li jirċievi l-ħlas relattiv ma tistax tiġi kkunsidrata li hi komparabbli mat-tnaqqis mid-dħul konsegwenza tal-impatt (purement potenzjali) ta' obbligu ta' akkwist bi prezzijiet fissi impost mill-Istat. Din ir-rinunzja b'mod partikolari ma tistax tkun ikkunsidrata bħala "inerenti" għal kull strument li hu intiż sabiex jirregola l-emissjonijiet atmosferiċi permezz ta' sistema ta' skambju ta' drittijiet ta' emissjoni. Fil-fatt, kif diġà rajna, meta jirrikorri għal strumenti bħal dawn, l-Istat għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, bħala regola, għażla bejn għoti bla ħlas u l-bejgħ jew l-irkant ta' dawn id-drittijiet. Barra minn hekk, fil-każ inkwistjoni, teżisti rabta diretta

58 — Iċċitata iktar 'il fuq.

59 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 59 u 61.

biżżejjed bejn il-miżura inkwistjoni u t-telf ta' dħul min-naħa tal-Istat, li għal kuntrarju kienet nieqsa bejn l-impożizzjoni tal-obbligu tal-akkwist inkwistjoni u t-tnaqqis eventwali tad-dħul mit-taxxi fil-kawża PreussenElektra. Il-fatti f'din l-aħħar kawża u dawk fil-kawża quddiemna ma humiex għalhekk simili u s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-ewwel waħda ma tistax tintuża għall-każ inkwistjoni⁶⁰.

93. Bħala konklużjoni, ma naħsibx li l-punti mressqa mill-Gvernijiet tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Ġermanja huma tali li jirriżulta li kien hemm ksur tal-Artikolu 87 (1) KE, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, fejn din tikkonkludi, fil-punti 75-78 tas-sentenza appellata, li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-każ inkwistjoni, meta b'mod indirett jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-impriżi inkwistjoni d-drittijiet ta' emissorijiet inkwistjoni bla ħlas, il-Pajjiżi l-Baxxi qed jikkonċedu dritt

lil dawn l-impriżi billi qegħdin jirrinunzjaw milli jirċievu d-dħul li jikkorrispondi għall-prezz tal-bejgħ tiegħu jew li jinkiseb mill-irkant tiegħu. Għal kuntrarju timmilita favur konklużjoni bħal din l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat sa mill-ewwel deċiżjonijiet tagħha, minħabba l-importanza tal-għan tal-ħolqien ta' suq intern fejn il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ma jiġux imghawġin minn interventi unilaterali tal-Istati Membri⁶¹. Dan l-approċċ jirrifletti ruħu anki fil-ġurisprudenza fir-rigward tal-kundizzjoni tal-finanzjament permezz ta' riżorsi pubbliċi. F'dan ir-rigward, minbarra l-ġurisprudenza msemmija fil-punt 81 iktar 'il fuq, fejn diġà hemm inkluż numru kbir ta' kawżi varji ta' "finanzjamenti permezz ta' rinunzja ta' introjti pubbliċi", infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat kemm-il darba li l-Artikolu 107 (1) KE jinkludi l-istrumenti finanzjarji li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu fir-realtà jużaw sabiex isostnu l-impriżi, irrispettivament mill-fatt li dawn l-istrumenti *jappartjenux jew le għall-patrimonju tal-Istat*, sakemm dawn jibqgħu b'mod kontinwu taħt il-kontroll pubbliku⁶². Barra minn hekk, għandu jiġi rrelevant li l-każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja nnegat li kien jeżisti finanzjament permezz ta' riżorsi statali kienu jirreferu għal sitwazzjonijiet fejn, jekk jiġi deċiż mod ieħor, kien effettivament ifisser, li jiġu rikonossuti bħala koperti taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat anki vantaġġi li, minkejja li kienu attribwibbli għall-intervent tal-Istat, ma kinux jimplikaw ebda trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat⁶³, u li jiġi annullat, fil-fatt, wieħed mill-elementi kostituttivi

60 — Nosserva, inċidentalment, li anki fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Essent kont issuġġerjiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk f'kontest differenti, sabiex ma testendix is-soluzzjoni segwita fis-sentenza PreussenElektra lil hinn miċ-ċirkustanzi speċifiċi fattwali li kienu ġġustifikaw li tiġi milqugħa. Ara l-Konklużjonijiet tal-24 ta' Jannar 2008, fil-kawża Essent, iċċitata iktar 'il fuq, punti 97 u 98.

61 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2006, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-308/04 P, Ġabra I-5977, punt 31), u tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Ġermanja vs Kronofrance (C-75/05 P u C-80/05 P, Ġabra p. I-6619, punt 66).

62 — Ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2000, Franza vs Ladbroke Racing u Il-Kummissjoni, Kawża C-83/98, Ġabra p. I-3271, punt 50, u C-482/99, punt 37.

63 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-17 ta' Marzu 1993, Sloman Neptun (C-72/91 u C-73/91, Ġabra p. I-887); tas-7 ta' Mejju 1998, Viscido *et* (C-52/97 sa C-54/97, Ġabra p. I-2629), u tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, iċċitata iktar 'il fuq.

tal-kunċett ta' għajnuma mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 (1) KE⁶⁴.

C — *Konklużjonijiet dwar l-appelli incidental*

94. Bl-istess mod il-Pajjiżi l-Baxxi jikkontestaw il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li ssostrni li huma jirrinunzjaw għal introjti pubbliċi meta jippermettu lill-impriżi pubbliċi li jkunu rmew NO_x b'mod eċċessiv li jevitaw il-ħlas ta' multa billi jixtru fis-suq id-drittijiet ta' emissjonijiet li jkollhom neqsin. F'dan ir-rigward huma jsostnu li l-multa inkwistjoni tammonta għal sanzjoni supplimentari dwar il-provvista ta' drittijiet ta' emissjonijiet li jkunu neqsin. Dan l-argument diġà ġie diskuss u miċħud fil-punti 76 sa 78 iktar 'il fuq, li nirreferi għalihom. Din il-kontestazzjoni mressqa mill-Pajjiżi l-Baxxi għalhekk ma tistax tiġi milqugħa.

95. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad l-appelli incidental tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Ġermanja.

VI — Dwar ir-rikors fil-ewwel istanza

64 — F'dan ir-rigward, infakkar li wħud mid-deċiżjonijiet importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Konklużjonijiet ta' wħud mill-Avukati Ġenerali kienu taw lok għal diskussjoni dwar l-inevitabbiltà tal-finanzjament pubbliku għall-iskopijiet ta' klassifikazzjoni tal-miżura statali bħala għajnuma mill-Istat: ara s-sentenzi tat-30 ta' Jannar 1985, Il-Kummissjoni vs Franza (290/83, Ġabra p. 439, punti 13 u 14); tat-2 ta' Frar 1988, Kwekerij van der Kooy *et vs* Il-Kummissjoni (67/85, 68/85 u 70/85, Ġabra p. 219, punti 32-38), u tas-7 ta' Ġunju 1988, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (57/86, Ġabra p. 2855, punt 12), u l-Konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali VerLoren van Themaat, fil-Kawżi Magħqudin 213/81-215/81, Norddeutsches Vieh- und Fleischkontor *Will et* (sentenza tat-13 ta' Ottubru 1982, Ġabra p. 3583); Slyn *et vs* Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, u Darmon fil-kawża Sloman Neptun, iċċitata iktar 'il fuq. Mis-sentenza Sloman Neptun 'il quddiem, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, b'mod ripetut, u mingħajr eżitazzjonijiet, ikkonstatat il-prinċipju li jsostni li għajnuma mill-Istat trid tkun iffinanzjata direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi statali. Fil-kawża PreussenElektra, sentenza iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja għet mistiedna mill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra mill-ġdid il-ġurisprudenza tagħha f'dan ir-rigward, b'mod partikulari fid-dawl ta' żviluppi riċenti fid-dritt Komunitarju. Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx widen għal din l-istedina.

96. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ li tiġi annullata s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess tiddeċiedi b'mod definittiv il-kwistjoni ladarba l-istat tal-atti jkun jippermetti, inkella li tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiġi deċiża minn din tal-aħħar.

97. F'dan il-każ, ma huwiex neċessarju li l-kawża tiġi rrinviata lill-Qorti Ġenerali. Kif isostnu kemm il-Kummissjoni u anki l-Gvernijiet li qegħdin jilmentaw, l-istat tal-atti fil-fatt jippermetti li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Għal dan l-iskop, jeħtieġ li jiġi eżaminat it-tieni aggravju tal-appell imressaq mill-Pajjiżi l-Baxxi insostenn tal-appell tagħhom, rigward difett fil-motivazzjoni tad-Deċiżjoni, li dwaru l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx.

A — *Dwar it-tieni aggravju tal-appell, rigward ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni*

98. Il-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu li d-Deċiżjoni, fil-parti fejn il-Kummissjoni tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, ma hijiex motivata kif suppost.

99. Dawn isostnu, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni kkonstatat b'mod żbaljat fid-Deċiżjoni li impriża li ma tosservax il-limitu tal-emissjonijiet impost u li għalhekk tintalab tħallas multa, tirċievi xorta waħda krediti ta' emissjoni. Dan l-argument għandu jiġi miċħud sa fejn jipprova jsostni li kien hemm żball ta' fatt pjuttost milli difett fil-motivazzjoni tad-Deċiżjoni. Bl-istess mod għandu jiġi miċħud l-argument, simili, li l-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu fil-punt 65 tar-rikors.

100. Fit-tieni lok, il-Pajjiżi l-Baxxi jirrilevaw xi ambigwitàjiet u kontradizzjonijiet fil-motivazzjoni tad-Deċiżjoni. Isostnu qabel kollox li l-Kummissjoni kkontradiċiet ruħha meta kkonstatat, minn naħa, li d-drittijiet ta' emissjonijiet jitqassmu *bla ħlas* lill-impriżi u, min-naħa l-oħra li t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' NO_x taħt il-limitu mill-impriżi jammonta għal *kontropartita*. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li *ż-żewġ* dikjarazzjonijiet huma inklużi rispettivament fil-parti tad-Deċiżjoni dwar l-eżami tal-eżistenza ta' għajnuna u f'dik li tikkonċerna l-evalwazzjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni sostniet li *ċ-ċirkustanza* li l-impriżi kienu *inċentivati* sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom

b'mod iktar qawwi mil-limitu mogħti lilhom tammonta għal kontropartita, "konformi mal-ispirtu tal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali", għall-vantaġġ mogħti lil dawn l-impriżi bil-miżura inkwistjoni (punt 3.3 tad-Deċiżjoni) [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din il-konklużjoni bl-ebda mod ma tikkontradixxi d-dikjarazzjoni li ssostni li d-drittijiet ta' emissjonijiet ta' NO_x jiġu mogħtija bla ħlas lill-impriżi suġġetti għal din il-miżura.

101. Skont l-Istat Membru rikorrenti, ir-raġunament tal-Kummissjoni apparti dan ma huwiex preċiż fejn jiġi ddikjarat fil-konklużjonijiet (punt 4 tad-Deċiżjoni), li sistema "dynamic-cap" bħal dik adottata fil-Pajjiżi l-Baxxi għandha riżultat ambjentali inċert u timplika spejjeż amministrattivi iktar għoljin u għal dawn ir-raġunijiet ma għandhiex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, nillimita ruħi sabiex nirrileva li jirriżulta *ċar* mill-kunsiderazzjonijiet kollha li saru fid-Deċiżjoni li dikjarazzjoni bħal din, li għandha tiġi kkunsidrata bħal speċi ta' *obiter dictum* fl-essenza tal-motivazzjoni ta' dak l-att, ma kellha l-ebda rilevanza fil-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna, u lanqas ma affettwat fl-eżami tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern. Għalhekk l-argument tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu jiġi miċħud.

102. Fit-tielet lok, il-Pajjiżi l-Baxxi jsostnu li l-Kummissjoni naqset milli timmotiva b'mod

xieraq il-konklużjoni li ssostni li l-miżura inkwistjoni taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u tgħawweġ il-kompetizzjoni. Fil-fehma tiegħi anki dan l-argument għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, il-paragrafu ta' qabel l-aħħar tal-punt 3.2 tad-Deċiżjoni jipprovdi motivazzjoni suffiċjenti, anki jekk konċiża, dwar ir-raġunijiet li minħabba fihom il-Kummissjoni ssostni li l-miżura inkwistjoni tagħti vantaġġ kompetittiv lill-impriżi li

huma suġġetti għaliha li jista' jħalli effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

103. Abbażi ta' dak li ntqal preċedentement, it-tieni aggravju tal-appell huwa, fil-fehma tiegħi, infondat. Għaldaqstant ir-rikors tal-prim'istanza għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

VII — Konklużjonijiet

104. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

- tilqa' l-appell prinċipali u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' April 2008, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, Kawża T-233/04;
- tiċħad l-appelli inċidentali;
- tiddeċiedi l-kwistjoni billi tiċħad ir-rikors tal-ewwel istanza.

105. Barra minn hekk, peress li, bis-saħħa tal-Artikolu 122(1) tar-Regolament tal-Proċedura, meta l-appell jiġi miċħud jew meta l-appell jiġi milqugħ u l-kwistjoni tiġi deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod definittiv, din tal-aħħar tiddeċiedi dwar l-ispejjeż, u peress li l-Kummissjoni talbet li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-appell prinċipali u dawk tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u li tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju Unit għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom.